# Soċjetà Mużikali
# San Lawrenz
## Belt Vittoriosa A.D. 1883

*Ħarġa Speċjali* Nru 76

Lulju - Awwissu 2013

# Każin tal-Banda San Lawrenz

Snack Bar • Cafeteria • Take Away

• Bar miftuħ kuljum • Atmosfera ta' ħbieb

• Apetizers ta' kull kwalità

**Tel: 2180 7526**

Olde City Pub

*is the Best*

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa

Tel: 21 663 614

# Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola

Tel: 2182 7650

*Manufacturers of all types of Wooden Mouldings*

***Showrooms at the Factory and***

***80, St. Joseph High Road, Hamrun***

**SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS**

## Kejkijiet għall-Parties tat-tfal

Aġħżel bejn Bob the Builder, Barbie, Dora,

Princess, Superman, Hello Kitty, etc.

Ċempel lil Steffi fuq 99426970 jew

e-mail: steffibugeja@yahoo.com

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

# Il-Kelma tal-President

*Lawrence V. Farrugia*

Nhar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju kont flimkien ma' sħabi l-membri tal-Kumitat kollha bl-ilbies tal-okkażjoni u bl-ingravata rrakmata tas-Soċjeta` nistennew il-ħin biex jibdew jaslu l-mistednin għall-inawgurazzjoni tat-tisbieħ tas-sular ta' isfel u tal-Bar u r-Restaurant. Fl-isfond tad-daqq baxx ta' muzika semi klassika, il-mixgħela u l-ħemda li kienet tirrenja f'dak il-ħin bdew għaddejin minn moħħi ħafna ġrajjiet li għaddejna minnhom fl-aħħar ħames xhur. It-taqtiegħ ta' qalb sa kemm ikkonkludejna l-ftehim, ix-xogħol u l-ħinijet twal li qattejna fil-każin, il-problemi tekniċi li ffaċċjajna, l-argumenti mal-kuntratturi, l-biża` li mhux se nlestu fiż-żmien, it-tfixkil li kellna mingħand min qatt ma stennejna u l-indifferenza tal-ftit għal dan il-proġett. Dawn il-ħsibijiet xejn feliċi malajr inbidlu f'sodisfazzjon mal-wasla tal-mistednin meta bdejna nisimgħu l-kummenti pożittivi tagħhom dwar it-trasformazzjoni li saret fis-sular ta' isfel u ġmiel ta' din il-binja waqt li jfaħħru d-deċiżjoni għaqlija li ħa l-Kumitat.

Id-diskorsi li saru kemm mill-Onor. Prim Ministru kif ukoll minn Geert Sciot kienu pożittivi ħafna u kellna okkażjoni organizzata tajba li kull min attenda ħareġ sodisfatt. Ngħid grazzi lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom f'dan il-proġett ambizzjuż ieħor kif ukoll lil dawk il-ħafna li japprezzaw dak li qiegħed isir fil-każin u l-kontribut kbir li s-Soċjeta` tagħna tagħti f'Beltna.

Nixtieq naċċenna għall-andament preżenti tal-Każin wara li l-Bar qiegħed jiġi mmexxi mill-Belġjani, kif inhuma maghrufa. Għamilna qabża kbira fl-ambjent u s-servizz u l-frekwenza mit-turisti qiegħda dejjem tikber. Konna aħna li ħadna l-inizjattiva biex il-membri tagħna jkomplu jgawdu l-użu tal-faċilitajiet li kellhom qabel sar ir-restawr u rajna li dan ikun parti mil-ftehim uffiċjali. Imma nistennew li l-imġieba tal-membri tkun kompatibbli mal-ambjent sabiħ li għandna. Ħadt pjaċir nosserva li wara kampanja biex jieqaf it-tipjip fis-sala tal-Billiard, il-maġġoranza fehmu l-messaġġ u sar progress kbir. Issa hemm bżonn li jinqata' għajjat bla bżonn. Id-direzzjoni tal-Każin mhux sejra tittolera ċerta mġieba tal-waħdiet li qed iddejjaq anke lill-Membri l-oħra l-aktar fis-sala tal-Billiard.

Fl-aħħar wasal biex jinbeda l-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-Każin. Jekk qabel il-gwerra iċ-ċentru t' attrazzjoni fil-pjazza kien l-Arloġġ, issa żgur li l-faċċata tal-każin saret l-attrazzjoni prinċipali fil-pjazza. Dan jixhduh l-interess muri mill-mijiet ta' Turisti li ta' kull jum jiġu jżuru Beltna li kontinwament jieħdu r-ritratti ta' din il-faċċata, rikka fl-arti u sbuħija. It-Tmexxija tal-Każin ilha taħdem fuq dan il-proġett li sejjer isir mill-Gvern Ċenrali sa mill-1994 meta twaqqaf l-ewwel Kumitat ta' Rijabilitazzjoni għall-Kottonera li jiena kont Chairman tiegħu. Għandi dokumenti fejn juru qbil biex isir dan ix-xogħol, iffaċċjajna problemi ta' nuqqas ta' finanzi, nuqqas ta' ħaddiema u prijoritajiet oħra. Meta jitlesta dan ix-xogħol sejjer ikollna attrazzjoni mill-isbaħ ġewwa Beltna li tagħmilna kburin biha. Tajjeb ngħidu li fl-aħħar snin il-Kazin ħa ħsieb ibiddel l-aperturi tal-faċċata kollha u diġa` għandu l-gallarija tal-injam ordnata biex titwaħħal malli jkun lest ix-xogħol ta' restawr. Sejjer isir minn kollox biex waqt ix-xogħol ikun hemm l-inqas inkonvenjent kemm għall-membri kif ukoll għall-pubbliku.

F'Ġunju saret laqgħa ta' kordinament preseduta mill-Arċipriet flimkien mal-uffiċjali tas-Soċjeta` tal-Banda u tal-Kumitat Festi Esterni kif stipulat fil-ftehim mal-Knisja ta' 2011 dwar iċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Festi Esterni. Hija inizjattiva tajba tal-Arċipriet tagħna li jżomm dan id-djalogu bejn l-għaqdiet li jikkontribwixxu biex issir il-Festa.

Laqgħa f'atmosfera l-aktar sabiħa fejn kulħadd għandu l-istess għan 'Il-Festa ta' San Lawrenz'. Xi ħaġa li llum aktar minn qabel qiegħda tinkwieta lil dawk li jorganizzaw il-festa huwa l-finanzjament tal-Festa għaliex filwaqt li l-ispejjeż żdiedu ħafna, d-dħul pjuttost qieghed jonqos. Għalkemm din is-sitwazzjoni ilna nhossuha, b'dispjaċir ngħid li għadna m'aħniex nindirizzawha kif jeħtieġ. Għalhekk nagħmel appell biex jitwaqqaf Kumitat b'rappreżentanza mill-Kumitati kollha nvoluti fl-organizazzjoni tal-Festa u ndividwi li għal snin servew f'wieħed mil-Kumitati biex jagħmlu studju profond dwar din il-problema u jittieħdu l-passi meħtieġa biex jaraw li l-festa tkun sostenibbli.

Qegħdin ġimgħat biss qabel il-festa ta' San Lawrenz fejn il-Kazin tagħna huwa wieħed mill-promoturi ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Nappella biex dawk li għadhom ma tawx il-kontribuzzjoni tagħhom lill-Kazin biex ikunu ġenerużi filwaqt li nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

## Werrej


| | |
|---|---|
| Il-Kelma tal-President | 3 |
| Mill-Birgu tal-Imgħoddi | 4 |
| Wara Sena ta' Ħidma niċċelebraw kif jixraq | 5 |
| Kumitat 2012/13 | 6 |
| Messaġġ mill-Arċipriet | 6 |
| Attività Kontinwa | 7 |
| Xogħol u Proġetti | 10 |
| Sehem is-Soċjetà Mużikali u Banda Vittoriosana San Lawrenz | 12/13 |
| Id-Djakni fil-Knisja ..... Sejħa għad-djakonija | 15/16 |
| Il-Ġranet tal-Festa flimkien mal-Grupp tan-Nar | 17/18 |
| Wiċċ'Imb'Wiċċ ma' Anton Attard | 19/20/21 |
| 'Vittoriosa in Festa' | 21 |
| Attivitajiet Lulju/Awwissu | 22 |



***Editur***
Simon Farrugia

***Riklami***
Oscar Adami
Simon Farrugia
Lawrence V. Farrugia

***Proofreading***
Bjorn Callus

***Ritratti***
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo

**Ritratt Faċċata**

Il-faċċata majestuża tal-Palazz sede tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa

**Stampat**

Triq l-Industrija, Qormi
Tel: 21 250 994 Mob: 9949 0344
printright@onvol.net

# Mill-Birgu tal-Imgħoddi

Anton Attard

## *Pissidi misruq jinstab fil-Birgu*

Fost il-ġrajjiet li seħħew fl-ibliet tal-Kottonera tul is-snin, is-serqa tal-pissidi bl-ostji ikkonsagrati mill-Knisja ta' Santa Tereża f'Bormla hi waħda li baqgħet tissemma għal ħafna xhur, jekk mhux snin, wara. Ġrajja li fiha l-Birgu spiċċa fl-aħbarijiet ukoll.

Fil-lejl bejn it-18 u d-19 ta' Ottubru 1837, mill-knisja ta' Santa Tereza f'Bormla kien insteraq pissidi bl-ostji kkonsagrati. Serqa li qajmet agħa kbir madwar Malta kollha, tant li l-Isqof Caruana kien ordna talb ta' riparazzjoni, b'Ġesu' Sagramentat espost fil-knejjes kollha.

L-għada tas-serqa, raġel mar fil-ħanut tad-deheb ta' Grezzju Zammit, tal-Belt, biex ibegħlu salib, li deher li kien tqaċċat minn xi mkien. Ir-raġel intebah li Zammit ġieħ xi suspett u ħarab mill-ħanut.

Zammit għamel rapport lill-Pulizija u mid-deskrizzjoni li tahom tar-raġel, is-suspett waqa' fuq ċertu Pawlu Grima, Mosti residenti Bormla u bdiet tfittxija għalih immedjatament.

Sadanittant, it-tifel ta' 11-il sena minn Ħaż-Żabbar, Franġisku Cachia li flimkien ma' xi tfal oħra kien jilgħab ħdejn il-Bieb ta' Provenza (Advanced Gate) qabel tidħol il-Birgu, sab il-pissidi bl-ostji għadhom fih, f'toqba fis-sur. Is-salib li kien hemm fuq l-ġatu nstab nieqes.

Il-Pulizija ġiet infurmata li Grima kien intlemah fil-Birgu u, aktar tard, instab fil-Knisja ta' Santa Skolastika, fejn kienet qed issir iċ-ċerimonja tal-vestizzjoni ta' waħda mis-sorijiet.

Pawlu Grima għadda ġuri, instab ħati u ġie kkundannat għomru l-ħabs b'xogħol iebes. Iżda għomru hemm m'għamlux.

Miegħu fiċ-ċella kien hemm ċertu Wenzu Arnaud, li wara nstab li kien marid mentalment, li kien weħel 10 snin wara li ttanta joqtol żewġ żgħażagħ. Dan Arnaud, fil-lejl bejn il-1 u t-2 ta' Diċembru 1839, qal li sema leħen jgħidlu biex joqtol lil Pawlu. Dan hekk għamel u farraklu rasu b'waħda mit-twavel tas-sodda.

Fejn kien instab il-pissidi, il-Patrijiet Tereżjani bnew kappella żgħira, bi skrizzjoni fuq l-artal, li maqluba għall-Malti mil-Latin taqra: *Araw il-post fejn tqiegħed is-Sinjur.* Minn dakinhar, dik ix-xaqliba ta' beltna baqgħet magħrufa bħala *Fejn sabu s-Sinjur.*

# L-Istatwa tal-Kunċizzjoni

Fl-1838, waslet fil-Knisja ta' San Lawrenz l-istatwa grazzjuża tal-Kunċizzjoni, li l-Fratellanza tagħha kienet ikkummissjonat għand l-iskultur Zejtuni Xandru Farrugia. Wara snin twal fil-kappellun tal-Kunċizzjoni, din illum tqegħdet fin-niċċa li fiha kien jitqiegħed San Lawrenz, fil-kappella, li qabel kienet iddedikata lil San Franġisk.

Din l-istatwa, skolpita artistikament fl-injam, waslet il-Birgu fit 2 ta' Diċembru, ftit jiem qabel il-festa tagħha, li l-Fratellanza ta' din il-parroċċa kienet tiċċelebraha bil-kbir. It-trasport tagħha miż-Żejtun għall-Birgu kien ingħata prominenza fid-Djarju taż-żjara f'Malta tar-Reġina Adelaide tal-Ingilterra, li kien kiteb Sir Hector Craig, Segretarju Ewlieni tal-Gvern.

Fost dak li seħħ f'dak il-jum, Craig kien kiteb li meta kienu qrib ix-xatt f'Bormla, kienet qed tinġarr statwa akkompanjata minn banda u ħafna nies. Kompla jikteb li, meta dawn qorbu lejn ix-xatt, inzerta kien għaddej il-vapurett Charlotte, li fuqu kien hemm ir-Reġina, li kienet qed tittieħed dawra mal-port.

Meta l-miġemgħa bl-istatwa intebħu bir-reġina, b'sinjal ta' rispett, ir-reffiegħa dawru l-istatwa lejn il-vapurett u l-banda daqqet il-God Save. Waqt li kien qed jindaqq l-innu, il-kaptan waqqaf il-vapurett biex ir-Reġina setgħet issellem lill-folla.

Dan l-episodju għandu ċerta importanza fl-istorja tal-mużika f' din il-belt, għax jikkonferma li, sa minn żmien daqstant bikri, fil-Birgu ġa kien hemm xi forma ta' banda.

# Wara Sena ta' Ħidma niċċelebraw kif jixraq

**Bjorn Callus** - *Segretarju*

Wasalna għall-Festa oħra ad unur il-Patrun tagħna l-Vittoriosani San Lawrenz. Okkażjoni ta' ferħ u ċelebrazzjoni wkoll, kemm barra kif ukoll fit-tempju majestuż tagħna permezz tal-attendenza għan-Novena u l-Quddiesa tal-Festa. Pero` okkażjoni fejn niċċelebraw u nitpaxxew b'sena xogħol. Sena fejn rajna taqliba sħiħa fil-każin, speċifikament fis-sular t'isfel fejn għandu x'jaqsam il-Bar. U s-sena li għandna quddiemna ser tkun simili, fejn ser naraw l-iżvilupp tal-Biħa kif ukoll ir-Restawr tal-Faċċata tal-Każin. Nemmen li la jitlesta dan ix-xogħol ser ikollna każin perla fil-Wirt li ħallewlna missirijietna. Perla li ser tpaxxi l-għajn t'eluf ta' turisti li jiġu jżuruna.

Pero` apparti dan, ħdimna wkoll fl-aħħar xhur mas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi biex naraw kif ser nadattaw ruħna għas-sitwazzjoni l-ġdida tal-marċijiet meta naslu ħdejn il-każin l-ieħor. Ħafna jistgħu iħossu dan il-ftehim żejjed, għax pajjiżi oħra m'għamlux hekk eċċ. Pero` dejjem irridu niftakru li ħadd f'Malta ma jtella' statwa kważi quddiem każin ieħor, għalhekk jien ngħid li hu importanti ħafna li dan jiġi salvagwardjat. Biex ngħidu kollox, is-sena l-oħra sibna koperazzjoni kważi mingħand kulħadd, u nemmen li din s-sena ser tkun iktar faċli, peress li ser nkunu qed nintroduċu żewġ marċi ġodda. Għalhekk inħeġġeġ lil kulħadd sabiex jitgħallem dawn iż-żewġ marċijiet, bi kliem ta' tifħir lejn il-Patrun u l-Festa tagħna, ħalli ħadd ma jiddejjaq u jixxennaq għas-snin passati.

## Stedin

Naqbeż għal punt ieħor, xi ħaġa kompletament differenti. Kont sorpriż ferm meta rċevejt ittra matul Ġunju minn kumitat li ħassu urtat għax ma ġiex mistieden għall-Ftuħ uffiċjali tal-Bar u Restaurant tal-Każin. Il-Kumitat, flimkien mad-Diretturi ta' BeBirgu Ltd, kien qabel fuq min ser ikunu l-mistiedna. Rigward għaqdiet, apparti dawk tal-Festa, ġew mistiedna l-għaqdiet ewlenin fil-Birgu, li huma tal-Birgu. Għalhekk kont sorpriż ferm meta bdew jaslu xniegħat ta' rabja għax ma ġewx mistiedna l-każini politiċi. Tajjeb kulħadd ikun jaf li l-każin tal-Banda kull sena jistieden lil KULĦADD fir-riċeviment tal-5 t'Awwissu tal-Festa, irrispettivament jekk dawn l-istediniet jiġux reċiprokati meta l-għaqdiet mistiedna jagħmlu r-riċevimenti tagħhom. Fil-fatt, f'dal-każ partikolari, għalkemm dan il-kumitat jorganizza riċeviment annwali, il-Kumitat tiegħi, jew rappreżentanza minnu, fl-aħħar snin ma kienx mistieden iktar. Madanakollu xorta min-naħa tagħna bqajna nagħmlu l-istedina tagħna. Għaldaqstant, ma nifhimx kif wieħed jista' jippretedni li jkun mistieden f'okkażjoni speċjali, li frankament m'għandu l-ebda konnessjoni magħha.

## Il-Futur

Kulħadd sema' bil-kelma sostenibilita`. Nofs li semgħuha probabbli jafu xi tfisser eżatt. Pero` ftit jipprattikawha. Irridu naħdmu kollha flimkien sabiex il-festa nagħmluha sostenibbli. Pero` biex jiġri dan, kull għaqda li tagħmel il-festa trid tkun sostenibbli fiha nnifisha. Jekk nħarsu lura lejn il-kitbiet fil-Programm tal-Festa, nafu lkoll kemm aħna li l-Festa qed taffaċċja bil-mod il-mod problemi ta' dħul finanzjajru. Ma nistgħux nħallu din il-problema taqa' fuq l-Arċipriet u min imexxi amministrattivament. Irridu nagħtu kontribut lkoll flimkien sabiex naraw kif ser insolvu din il-problema. Il-każin diġa` beda jerfa' l-parti tiegħu. L-Għaqda Piroteknika 10 t'Awwissu wkoll. Is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi qiegħda tagħti kontribut kbir ukoll minn dan il-lat. Pero` sfortunatament dan mhux biżżejjed. Kull għaqda għandha l-ispejjeż kbar tagħha relatati mal-Festa. Biss biss il-każin nonfqu madwar €14,000.

L-Għaqda Piroteknika u s-Sezzjoni Żgħażagħ jonfqu eluf kbar ukoll biex itellgħu l-ispettakli pirotekniċi u tal-laser rispettivament. Jonqos biss li l-poplu Vittoriosan jagħmel il-parti tiegħu. Jagħmel il-parti tiegħu mhux biss billi jikkontribwixxi finanzjarjament, imma billi wkoll jaċċetta d-deċiżjonijiet li jkunu qed jittieħdu minn dawk li jmexxu l-festa, u jifhem li jekk mhux ser nkunu sostenibbli, ser immorru l-baħar. Għaldaqstant, l-appell tiegħi hu li filwaqt li min imexxi il-Festa għandu jagħmel analiżi dettaljata u bir-reqqa tas-sitwazzjoni kollha kif inhi, u għandu jagħmel konsultazzjoni sħiħa u wiesa', u forsi jiġi appuntant kumitat ad hoc fuq dawn il-linji ta' sostenibilita`, il-poplu Vittoriosan għandu jaċċetta b'mod seren dak li jista' jiġri fil-futur qarib. Nżommu f'moħħna li rridu nagħmlu Festa, u nibdew nemmnu li din tista' tkun sostenibbli. Nawgura minn qalbi l-Festa t-tajba lil Kulħadd.

# Kumitat tas-Soċjeta Mużikali San Lawrenz
## Sena 2013 – 2014

***Bil-wieqfa mix-xellug għal-lemin:-*** Is-Sinjuri Simon Farrugia ( Delegat Banda), Andrew Pisani, Chris Pisani (Arkivista), John Pisani, Carmelo Scicluna, John Attard, Paul Bongailas

***Bil-qegħda mix-xellug għal-lemin:-*** Anthony Gauci (Vici-President), Bjorn Callus (Segretarju), Lawrence V. Farrugia (President), Wisq. Rev. Kan. Arcipriet Joe Cilia (Kappillan), Oscar Adami (Kaxxier), Eugenio Pellicano (Asst. Segretarju)

## Messaġġ mill-Arċipriet – *Kan. Joe Cilia*

Il-festa reġgħet magħna u l-entużjażmu tal-Birgu terġa' tinnutah fl-aqwa tiegħu. Dan hu s-sabiħ tal-festi tagħna li huma eżerċizzju biex il-ħidma flimkien ta' bosta persuni u gruppi tissarraf fi prodott tajjeb u li jkun suċċess. Bil-festa tingħata qima lill-qaddis li tiegħu tkun qed tiġi ċċelebrata l-festa biex filwaqt li nammiraw il-ħajja eżemplari tal-qaddis, nimitaw lill-istess qaddis. Il-ħajja sabiħa u qaddisa ta' San Lawrenz hija ħajja ta' min jimitaha. Il-heġġa tiegħu għal Ġesu` Kristu wasslitu għall-martirju, Il-preokkupazzjoni tiegħu kienet għal dawk li ma jridux jaċċettaw it-tagħlim tal-vanġelu. Fil-beraħ u bil-moħbi Lorenzu ma beżgħax ikun ta' qaddej biex iwassal il-kelma. Kien ta' sostenn għal dawk li kienu emarġinati, li għalih kienu prezz daqs l-aqwa teżori. Il-fidi f'Ġesu` wasslitu biex joffri ħajtu għaliH. Ħallas għalih bil-prezz ta' ħajtu, Napprezzawh, nammirawh u nimitawh. Wara kollox kull nisrani huwa msejjaħ biex fl-ambjent li jkun u ma' min ikun iwassal il-messaġġ ta' Ġesu`. Iżda l-festa kull sena tfakkarna sa fejn waslet il-fidi li kellu San Lawrenz f'Ġesu`. Iżda l-festa tfakkarna wkoll fil-fidi tagħna. Kemm qed napprezzaw ngħixu dak li nemmnu? Żgur li San Lawrenz jgħallimna f'dan.

J'Alla jkollna bħal dejjem festa tajba, f'ġieħ il-qaddis patrun tagħna San Lawrenz. J'Alla l-festa tgħina naħsbu ftit fuq il-qofol ta' kollox li bħal San Lawrenz nikbru fil-fidi taghna. U j'Alla l-festa tgħina naħsbu u naħdmu b'kollaborazzjoni flimkien u dan bi skop u għal skop wieħed. San Lawrenz iħarisna u jberikna.

# Attività Kontinwa

*minn Bjorn Callus*

Is-sena 2011-2012 kienet sena oħra t'attivita` kontinwa għall-każin tagħna. Dan sabiex ikompli jiġi kkonfermat kemm il-każin tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz hu ċ-ċentru Soċjali tal-Birgu.

## Lulju 2012

**Il-Ħamis 12 ta' Lulju** – Rappreżentanti tas-Soċjeta` attendew bl-Istandard għall-Programm Mużikali mtella' mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-Kalkara fl-għeluq il-25 sena mit-twaqqif tagħha.
**Il-Ġimgħa 13 ta' Lulju** – Ikla Familjari fil-Biħa tal-Każin.
**Is-Sibt 14 ta' Lulju** – Rappreżentanti tas-Soċjeta` attendew għall-Quddiesa ta' Ringrazzjament tal-ewwel sena mill-Pussess tal-Arċipriet Kan. Joe Cilia.
**Il-Ħadd 22 ta' Lulju** – Il-Banda San Lawrenz għamlet Programm Mużikali u daqqet diversi marċijiet f'Raħal Ġdid fl-okkażjoni tal-Festa ta' Kristu Re.
**Il-Ġimgħa 22 ta' Lulju** – Ġie organizzat BBQ ġewwa l-Mellieħa Holiday Complex.
**Il-Ħamis 26 ta' Lulju** – Il-Banda San Lawrenz għamlet marċ fit-toroq tal-Balluta, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu.
**It-Tnejn 30 ta' Lulju** – Fis-6.00 pm saret Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-Wisq Rev. Arċipriet Joe Cilia flimkien mal-Kappillani Onorarji tas-Soċjeta` bħala ringrazzjament tal-25 sena President tas-Soċjeta`. Ħadet sehem il-Banda San Lawrenz flimkien mal-Kor immexxi minn John Mifsud.
**It-Tlieta 31 ta' Lulju** – Fis-6.00 pm saret Quddiesa għall-membri tal-Kumitati involuti fl-organizazzjoni tal-Festa u d-devoti ta' San Lawrenz. Wara sar il-ħruġ tal-vara bi proċessjoni mal-Knisja fejn tpoġġiet fuq il-bankun fil-kursija waqt li tkanta l-Innu Popolari. Wara sar il-kant tal-antifona, barka sagramentali u bews tar-Relikwija.
Fid-9.30 pm Marċ tal-Mota tan-Novena mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz mat-toroq Prinċipali tal-Belt Vittoriosa.

## Awwissu 2012

**L-Erbgħa 1 t'Awwissu** – Fis-7.30 pm infetħet il-Wirja ġewwa l-każin marbuta mal-anniversarju tal-25 Sena President u sar tberik mill-Arċipriet. Wara fit-7.45 pm inkixfet l-irħama l-ġdida tal-100 sena banda u tbierket mill-Arċipriet. Fit-8.15 pm sar Red Lager Night ġewwa l-Każin bis-sehem ta' Disc Jockey popolari, u fl-10.00 pm sar marċ mill-Banda San Lawrenz li beda minn quddiem il-każin.
**Il-Ħamis 2 t'Awwissu** – Fit-8.00 pm beda marċ mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz, akkumpanjat mill-Għaqdiet tal-Birgu u Soċjetajiet Mużikali Maltin. Fid-9.00 pm sar Programm Vokali u Strumentali fuq il-Planċier Meravilja tas-Soċjeta` biex jitfakkru il-25 Sena tal-President.
**Il-Ġimgħa 3 t'Awwissu** – Fit-8.00 pm saret ikla grandjuża taħt il-kampnar tal-knisja, organizzata bejn l-entitajiet kollha tal-festa`.
**Il-Ħadd 5 t'Awwissu** – Sar ir-riċeviment tal-Festa ġewwa l-Każin għall-personalitajiet distinti, Każini tal-Baned, Soċjetajiet tal-Birgu, Bandisti u Sostenituri tas-Soċjeta`.
**It-Tlieta 7 t'Awwissu** – Ġie imtella' 'Vittoriosa in Festa', Programm Vokali u Strumentali bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz. It-Tema tal-Programm kienet 'Sports 'n Music' fejn indaqqu siltiet mużikali ġejjin u relatati mal-iSports kollu. Flimkien mal-Banda, ħadu sehem diversi kantanti, żeffiena, il-Vittoriosa Stars Youth Nursery, kif ukoll sar għeluq bi spettaklu pirotekniku mtella' mill-Għaqda Piroteknika 10 t'Awwissu.

**L-Erbgħa 8 t'Awwissu** – L-Antiviġilja. Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz akkumpanjat lill-istatwa devota ta' San Lawrenz jagħti d-Dawl lill-Għomja b'marċi ferrieħa mat-toroq ta' Beltna sat-tlugħ fuq il-kolonna.
**Il-Ħamis 9 t'Awwissu** – Lejlet il-Festa. Il-Banda Vittoriosana San Lawrnez għamlet il-marċ tradizzjonali tat-Te Deum mat-toroq tal-Birgu.
**Il-Ġimgħa 10 t'Awwissu** – Fit-8.30 am il-poplu tal-Birgu laqa' lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Prospero Grech fejn akkompanjah sal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz biex jieħu l-Pussess ta' Kanonku Onorarju u wara mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Festa Liturġika ta' San Lawrenz, fejn attendew ukoll membri tal-Kumitat. Għalkemm kienet ix-xewqa tagħna li lill-Kardinal nilqugħ bil-Banda, dan ma kienx possibbli

minħabba deċiżjoni mhux flokha tal-awtorità tal-Knisja. Għaldaqstant, il-Kardinal kien milqugħ b'fanfarra meta wasal quddiem il-każin.

Wara l-Quddiesa ingħata 'Ġieħ il-Birgu' mis-Sindku s-Sur John Boxall u tela' fl-Awla Kapitulari għar-ritratt. Imbagħad il-Kardinal flimkien mal-mistiedna distinti telgħu l-Każin tal-Banda San Lawrenz għall-kxif ta' lapida kommemorattiva u sar Riċeviment. Wara fis-1.00 pm saret ikla ad Unur il-President fid-Don Berto Restaurant. Filgħaxija, Membri tal-Kumitat akkumpanjaw lill-istatwa titulari ta' San Lawrenz tul il-proċessjoni tagħha.

**Is-Sibt 11 t'Awwissu** – Il-Banda San Lawrenz għamlet il-marċ uniku f'pajjiżna tal-għada tal-Festa, fejn akkumpanjat lill-istatwa devota ta' San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja mill-inżul tagħha minn fuq il-kolonna sad-dħul tagħha fl-Oratorju tal-Kurċifiss.

**Il-Ħadd 12 t'Awwissu** – Ġiet organizzata ħarġa għal Għawdex mill-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali tas-Soċjeta` Mużikali San Lawrenz biex titgawda l-Festa ta' San Lawrenz ġewwa Għawdex.

**Il-Ħadd 19 t'Awwissu** – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet is-servizz tal-Marċ ta' Filgħodu fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid. Filgħaxija rappreżentanza tal-Kumitat attendiet għall-Riċeviment tal-Festa ta' San Duminku fil-Każin tal-Prince of Wales Own Band.

**Il-Ħamis 23 t'Awwissu** – Il-Kumitat tas-Soċjeta` Mużikali San Lawrenz akkumpanja fil-korteo tal-Funeral tal- eks Prim Ministru Dom Mintoff u l-banda daqqet fanfarra meta dan wasal quddiem il-Każin.

**Il-Ġimgħa 24 t'Awwissu** – Ġie organizzat BBQ fil-Mellieħa Holiday Complex.

## Settembru 2012

**It-Tlieta 4 ta' Settembru** – Il-Banda San Lawrenz għamlet marċ fit-toroq prinċipali ta' Ħaż-Żabbar, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja.

**Il-Ħamis 6 ta' Settembru** – Membri tal-Kumitat ħadu sehem fil-Quddiesa ta' Jum il-Birgu fil-Parroċċa ta' San Lawrenz.

**Il-Ġimgħa 7 ta' Settembru** – Membri tal-Kumitat ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Birgu organizzati mill-Kunsill Lokali f'Misraħ ir-Rebħa u fl-Inawgurazzjoni tas-sede l-ġdida tal-Kunsill, il-Berġa ta' Franza.

**Il-Ħadd 9 ta' Settembru** – Ġiet organizzata kompetizzjoni tal-Billiard bejn il-Membri tas-Soċjeta` u l-Membri tal-Kumitat tas-Soċjeta`.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru** – Ġiet organizzata ikla għall-membri tal-Kumitat, bandisti, helpers u min għin fl-armar u ż-żarmar tal-Planċier bħala ringrazzjament.

**Il-Ħadd 16 ta' Settembru** – Ġiet organizzata laqgħa soċjali ta' Ringrazzjament mal-Vittoriosa Stars Youth Nursery u l-membri tagħha għas-sehem siewi tagħha fil-Vittoriosa in Festa 2013.

**Il-Ħamis 20 ta' Settembru** – Delegazzjoni mill-Kumitat tas-Soċjeta` attendiet għall-Programm Mużikali 'Ilwien Ferrieħa' tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla fl-okkażjoni tal-150 sena mit-twaqqif tagħha, fejn anke ingħata rigal tal-okkażjoni.

**Il-Ġimgħa 21 ta' Settembru** – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-Laqgħa Ġenerali tal-Għaqda Każini tal-Banda.

**Is-Sibt 22 ta' Settembru** – Is-Soċjeta` Mużikali San Lawrenz ħadet sehem f'Wirja mtella' ġewwa l-Każin tas-Soċjeta` Filarmonika Pinto, Banda San Sebastjan Qormi mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi fuq il-Każini tal-Baned.

## Ottubru 2012

**Il-Ħamis 1 t'Ottubru** – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-Għaqda Każini tal-Banda fejn ġie maħtur Eżekuttiv ġdid.

**Is-Sibt u l-Ħadd 19 u 20 t'Ottubru** – Ġie organizzat għal darb'oħra il-Birgu by Candle Light, fejn il-Kumitat tagħna organizza stands tal-ikel u x-xorb quddiem il-każin u fuq is-simenta. Barra minn hekk, Il-Kumitat ħa ħsieb li jorganizza Book Fair ta' Kotba Second Hand fil-każin. Membri tal-Kumitat ħadu ukoll parti attiva waqt il-miġja ta' eluf ta' tfal tal-iskejjel billi dawruhom ma' postijiet storiċi tal-Birgu.

**Il-Ħamis 25 t'Ottubru** – Il-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali organizzat ħarġa kulturali għall-irġiel tal-Birgu ġewwa Għawdex.

## Novembru 2012

**Il-Ħadd 11 ta' Novembru** – Il-Kummissjoni Billiard tat bidu għall-kompetizzjoni tas-Snooker.

**It-Tlieta 13 ta' Novembru** – Ġiet organizzata Laqgħa Ġenerali Straordinarja tas-Soċjeta`.

**Il-Ħadd 18 ta' Novembru** – Delegazzjoni tal-Kumitat attendiet għall-Programm Mużikali organizzat mill-Għaqda Każini tal-Banda li sar fit-Teatru Manoel, fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Ċeċilja.

**Is-Sibt 24 ta' Novembru** – Festa Liturgika ta' Santa Ċeċilja. Membri tal-Kumitat attendew għall-Quddiesa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann u marċ li sar fil-Belt Valletta organizzati mill-Għaqda Każini tal-Banda.

**Il-Ħadd 25 ta' Novembru** – Il-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali organizzat Afternoon Tea fil-Plaza

Hotel ġewwa tas-Sliema.
Filgħaxija, Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Kunċert tal-Banda Sant' Andrija ta' Ħal-Luqa taħt id-Direzzjoni ta' Mro Paul Schembri.

## Diċembru 2012

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru** –Ikla Tradizzjonali tal-Milied fis-Soreda Hotel għall-Membri, Bandisti u Ħbieb.
**It-Tnejn 24 ta' Diċembru** – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem fil-purċissjoni bil-bambin tal-Milied, organizzata mis-Soċi tal-MUSEUM b'daqq ta' diversi Christmas Carols.
**Il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru** – Sar il-Party tal-Milied għall-Membri, Bandisti, Familji u l-Ħbieb tagħhom, bis-sehem ta' diversi kantanti, żeffiena u Live Band.

## Jannar 2013

**Il-Ġimgħa 4 ta' Jannar** – Ġie ffirmat il-Kuntratt tal-Bar mal-Kumpanija BeBirgu Ltd
Filgħaxija, Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa tal-Aġenzija Żgħażagħ
**Is-Sibt 5 ta' Jannar** – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għar-Riċeviment tal-Milied tal-Għaqda Każini tal-Banda.
**Il-Ġimgħa 18 ta' Jannar** – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-attivita` tal-Aġenzija Żgħażagħ fl-Universita` ta' Malta fejn ġew ippreżentati l-proġetti tal-każini.
**Is-Sibt 19 ta' Jannar** – Delegazzjoni mill-Kumitat ħadet sehem fit-Tifkira Annwali ta' dawk li mietu fil-Birgu matul it-Tieni Gwerra Dinjija.
**It-Tnejn 21 ta' Jannar** – Saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali Mista tas-Soċjeta`, fejn ġew ippreżentati ir-Rapporti Amministrattiv u Finanzjajru.
**It-Tlieta 22 ta' Jannar** – Saret il-Laqgħa Ġenerali għall-Bandisti u Membri Propjetarji biex jinħatar parti mill-Kumitat
**L-Erbgħa 23 ta' Jannar** – Saret il-Laqgħa Ġenerali għall-Membri biex jinħatar parti mill-Kumitat

## Frar 2013

**Il-Ġimgħa 8 ta' Frar** – Ġiet organizzata ikla tal-Karnival mill-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali ġewwa Swan Lake Restaurant, M'Scala.
**Il-Ġimgħa 15 ta' Frar** – Delegazzjoni tal-Kumitat attendiet għal-Laqgħa Ġenerali tal-Għaqda Każini tal-Banda.

## Marzu 2013

**Il-Ġimgħa 15 ta' Marzu** – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-Laqgħa lid-Delegati tal-Banda organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda.
**L-Erbgħa 20 ta' Marzu** – Saret laqgħa ma' Fr Stephen Magro fil-Bar tal-Każin, fejn qabel u wara kien hemm servizz tal-Qrar.
**Il-Ħamis 21 ta' Marzu** – Infetħet it-19 il-edizzjoni tal-Wirja 'Ġetsemani' mill-Imħallef Michael Mallia, permezz ta' Lejla Mużiko-Letterarja bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz.
**Il-Ġimgħa 22 ta' Marzu sal-Ġimgħa 29 ta' Marzu** – Ftuħ tal-Wirja Ġetsemani.
**Il-Ġimgha 29 ta' Marzu** – Jum il-Ġimgħa l-Kbira. Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz esegwiet programm ta' marċi funebri f'Misraħ ir-Rebħa u wara akkumpanjat il-purċissjoni sad-dħul tagħha b'iktar daqq ta' marċi funebri.
**Il-Ħadd 31 ta' Marzu** – Ħadd il-Għid. Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz bdiet is-Servizz tagħha u akkumpanjat lill-iStatwa ta' Kristu Rxoxt bid-daqq ta' Marċi brijużi u Valzi madwar ir-rotta tas-soltu.

## April 2013

**Il-Ħadd 7 t'April** – Sar it-Tberik tal-Każin min Fr Stephen Magro
**Il-Ħamis 11 t'April** – Il-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali organizzat ħarġa għal Għawdex għall-Membri Irġiel u ħbieb tagħhom.
**It-Tnejn 15 t'April** – Il-Kumitat organizza quddiesa għall-ruħ Alfred Lagana.
**It-Tlieta 16 t'April** – Il-Kumitat organizza Quddiesa għall-ruħ Eddie d'Agostino.
**Il-Ħamis 25 t'April** – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ uffiċjali tar-Rinovament tal-Club House tal-Vittoriosa Stars FC.

## Mejju 2013

**It-Tlieta 22 ta' Mejju** – Mota tal-Ewwel Erbgħa ta' San Lawrenz. Fis-7.30 pm ingħata bidu għall-attivita` soċjali fil-ġenb tal-Knisja, imtella' mill-Għaqdiet kollha li jorganizzaw il-Festa. Ta' min jgħid li dawn l-Għaqdiet flimkien irrikonoxxew is-suċċessi li kisbu l-Vittoriosa Stars FC matul dan l-istaġun.
**L-Erbgħa 23 ta' Mejju** – L-Ewwel Erbgħa ta' San Lawrenz. Ġiet imtella' it-tieni ġurnata tal-Attivita` Soċjali fil-ġenb tal-Knisja bis-sehem ta' uħud mill-aqwa talent lokali, kif ukoll BBQ.
**Il-Ħadd 26 ta' Mejju** – Il-Banda San Lawrenz akkumpanjat lit-Tfal tal-Ewwel Taqrbina mill-MUSEUM sal-Knisja bid-daqq ta' Innijiet.
Sar Red Gathering fil-każin organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi.

## Ġunju 2013

**Is-Sibt 1 ta' Ġunju** – Numru ta' Bandisti tal-Post sellmu lill-Ġesu` Sagramentat fil-Purċissjoni ta' Corpus b'daqq ta' Fanfarra mill-Każin.
**L-Erbgħa 5 ta' Ġunju** – Sar il-ftuħ uffiċjali tal-Bar u Restaurant tal-każin mill-Prim Ministru Dr Joseph Muscat. Wara sar riċeviment tal-okkażjoni mid-Diretturi

tal-Kumpanija BeBirgu Ltd.
**Is-Sibt 8 ta' Ġunju** – Numru ta' Bandisti tal-Post sellmu lill-Ġesu` Sagramentat fil-Purċissjoni ta' Corpus b'daqq ta' Fanfarra mill-Każin.
**Il-Ħadd 9 ta' Ġunju** – Sar Red Gathering fil-każin organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi.
**Il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju** – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem fil-proċessjoni tal-Qalb ta' Ġesu` li saret fuq tal-Ħawli b'daqq ta' Innijiet.
**Il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju** – Il-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali organizzat BBQ fis-Soreda Hotel, Buġibba.

**Il-Ħadd 23 ta' Ġunju** – Sar Red Gathering fil-każin organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi.

## Lulju 2013

**Il-Ġimgħa 12 ta' Lulju** – Il-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali organizzat ikla ġewwa l-Każin tal-Banda.

*Wara li wieħed jaqra dan il-programm vast u varjat t'attivitajiet li l-Banda San Lawrenz għaddiet minnhom fl-aħħar sena, wieħed indubbjament jirrealizza kemm il-ħajja ġewwa s-Soċjeta` tagħna dejjem hi għaddejja u attiva. Dan minbarra il-proġetti u x-xogħol li jkun għaddej fil-każin tista' tgħid kuljum. Żgur li dawn l-attivitajiet ma jkunux suċċess mingħajr il-parteċipazzjoni ta' kulħadd, u b'hekk biss nistgħu nkomplu nwettqu l-ħidma tagħna fis-snin li ġejjin.*

# Xogħol u Proġetti

Ta' kull sena fl-ewwel Laqgħa tal-Kumitat li ssir immedjatement wara l-Festa ta' San Lawrenz, fl-Aġenda jkun hemm l-andament tal-Festa u programm ta' xogħol u ħidma għas-sena li ġejja. Dan il-programm ikun rivedut, kif ukoll intensifikat skont il-bżonn fl-ewwel laqgħa wara ħatra u konferma tal-Kumitat.

### Xogħol Strutturali

Is-Sena l-oħra konna semmejna kif kienet ix-xewqa tagħna li niżviluppaw il-Bar tal-każin. Illum nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li din il-ħolma seħħet realta`. Seħħet bil-għaqal tal-kumitat li għaraf jaħtaf l-opportunita` li ġiet quddiemu. Seħħet bir-rieda taż-żewġ partijiet li jaslu għall-ftehim fuq dan il-proġett ambizzjuż, li sewa eluf kbar ta' ewro. Seħħet bil-konvinzjoni li dejjem kellna li l-Bar tal-każin għandu potenzjal enormi. Kien ta' ferħ kbir għalina meta ġie ffirmat il-kuntratt mal-Kumpanija BeBirgu Ltd għal dan l-iżvilupp fil-bidu ta' Jannar, pero` kienet wisq iktar ta' ferħ għalina il-ġurnata tal- 5 ta' Ġunju, jum l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett kbir. Proġett li kien fih ħafna xogħol, imma li llum qed naraw ir-riżultati tiegħu bil-bar jiġi trasformat kompletament.

Apparti l-Bar, waqt dan il-proġett sar xogħol struttrali fit-tojlits, fejn dawn ġew mkabbra u reġgħu saru mill-ġdid. Saret ukoll installazzjoni ġdida ta' dawl kullimkien, inkluż il-bitħa, kif ukoll xogħol ieħor fejn jidħol l-ilma. Biċċa xogħol kbira oħra kienet rigward il-pannelling l-antik, fejn

dan ried jinqala' biex illum qed naraw il-ħajt kif inhu. Pero` l-ħajt ried ħafna manutenzjoni u xogħol bir-reqqa.

### Intrata tal-Każin

L-ewwel ma tolqot l-għajn, u fil-fatt f'dawn l-aħħar snin sar investiment massiċċ fl-intrata tal-każin, fejn nistgħu ngħidu li din ġiet mibdula kompletament permezz ta' twaħħil ta' zokklatura tal-irħam, ġiet miżbugħha b'mod adattat, kif ukoll inbiddlu l-irħamiet tal-Presidenti u s-Surmastrijiet, biex ġew fuq l-istess livell ta' dik tal-125 sena Banda. U propju f'dan ir-rigward komplejna ninvestu i-sena l-oħra, hekk kif il-Kumitat qabel li l-irħama tal-mitt sena banda

tinbidel sabiex tiġi fuq l-istess stil u livell ta' dawn tal-aħħar. Il-Kumitat ddeċieda wkoll li filwaqt li min-naħa ser iżżomm il-kliem ta' dik oriġinali, ser jiżdidilha wkoll iktar kliem sabiex nikkommemoraw l-okkażjoni ta' meta ġiet mikxufa – 25 Sena President tas-Sur Lawrence V. Farrugia. Din l-irħama propju twaħħlet u nkixfet fil-ġranet tal-Festa 2012.

## Planċier

Rigward ix-xogħol taz-zokklatura u d-dawl ta' madwar il-planċier, is-sitwazzjoni għadha kif kienet fis-snin preċedenti, jiġifieri li nafu li ser jibda x-xogħol ta' pavimentar ġdid fil-pjazza, imma ma nafux meta eżatt. Rigward il-Leġiju, il-Kumitat jista' jgħid li fl-aħħar wasal għal disinn sodisfaċenti ħafna mid-disinjatur Renzo Gauci. Jonqos biss li dan il-proġett jitwettaq, pero` rridu l-finanzi għalih. Ippruvajna inniedu skema innovattiva, imma sfortunatament ir-rispons ma kienx dak mixtieq.

## Faċċata tal-Każin

Għal dawn l-aħħar sentjn, żammejnikom aġġornati rigward il-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-każin. Kif jaf tajjeb kulħadd, dan il-proġett, forsi b'nota diżappuntanti, kien għadu ma bediex. Fl-aħħar tas-sena l-oħra kienu ħarġu l-Permessi meħtieġa min-naħa tal-MEPA, pero` konna weħilna ftit minħabba li l-pajjiż għadda minn Elezzjoni Ġenerali.Issa wara dak li nqala' fil-bidu ta' Lulju, ix-xogħol ser jibda wara l-festi.

Is-sena l-oħra wkoll kont għidt li l-aperturi tas-sular tan-nofs, kif ukoll il-Gallarija tal-injam, kważi spiċċaw. Għalhekk, ħassejna l-bżonn li dawn għandhom jinbidlu u applikajna għall-grant mal-Fond tal-Kawżi Ġusti. Dan il-Fond kien ta Grant ta' €5,000 għal dan il-proġett, li jiswa ftit iktar minn €10,000. Fil-fatt l-Aperturi kienu twaħħlu fil-ġranet tal-Festa, filwaqt li l-Gallarija tlestiet ftit wara l-Festa. Madanakollu l-Kumitat iddeċieda li din ma titwaħħalx qabel jitlesta x-xogħol ta restawr, biex ma ssirilha l-ebda ħsara.

## Newsletter

Għat-tlettax il-sena konsekuttiva, in-newsletter tas-Soċjeta` baqgħet toħroġ b'mod regolari kull xahrejn, b'edizzjoni speċjali għall-Festa. Bħala Kumitat nemmnu li l-kuntatt mal-membri hu ferm importanti, u permezz ta' dan il-fuljett qegħdin inżommu lill-memrbi aġġornati b'dak kollu li qiegħed jiġri fil-każin tagħna, permezz tad-diversi artikli u kitbiet li jidhru, u anke bl-attivitajiet tal-perjodu. Bla dubju ta' xejn din in-newsletter fiha laqta' minn kollox, artikli dwar affarijiet kurrenti, tagħrif storiku, riċetti u Intervista ma' personalita` Vittorjożana.

## Website

Is-sit tas-Soċjetà www.stlawrencebandclub.com baqa' jiġi aġġornat b'mod regolari ħafna, minn mindu ġie inawgurat, tant li wieħed jista' jsib b'mod faċli dak kollu li għadda minnu l-każin tul din l-aħħar sena u iktar.

## Affarijiet Oħra

Wara li s-sena l-oħra konna għidna li l-każin akkwista għamara li parti minnha qed tintuża fis-Sala tal-Kunċerti, din is-sena l-Kumitat ħadem sabiex din l-għamara tiġi irranġata għall-użu komdu tal-Kumitat, jew aħjar tal-Arkiviżta, fejn sarulha bibien apposta sabiex tkun tista' tintuża bħala Arkivju Mużikali. Xogħol ieħor li sar kien dak ta' żebgħa fuq il-bibien tal-bitħa u aperturi interni. Ġiet restawrata wkoll il-kċina fis-Sala tal-Kunċerti. Barra minn hekk, ġew ordnati wkoll iktar sopraporti ġodda sabiex eventwalment isiru l-purtieri u jitwaħħlu r-ritratti. Ġew imkaħħla u miżbugħa mill-ġdid il-kolonni tal-Faċċata.

## Proġetti Ppjanati

Il-Kumitat ma jiqafx hawn imma dejjem jaħseb u joħlom x'jista' jagħmel iktar. Is-sena l-oħra konna għidna li biex ma jsirx piż finanzjajru żejjed fuq il-fondi tal-każin, il-Bandalora tifkira tal-Belġju ma kinitx saret. Nistgħu ngħidu li s-sitwazzjoni għadha l-istess din is-sena, fejn sfortunatament kellna nħarsu lejn prijoritajiet oħra. Pero` xorta l-Kumitat jemmen li bix-xieraq wara s-suċċess kbir li ksibna f'din is-safra, li ssir bandalora sabiex tinżamm ġewwa l-każin u tfakkar dan l-avveniment hekk importanti.

Fuq linja simili, hi x-xewqa tal-kumitat li jittrasporta ir-rakkmu u x-xogħol li fih l-ewwel standard tad-Duka fuq drapp ġdid, sabiex dan l-istandard ikun jista' jintrama' u jintuża meta jkun meħtieġ. Flimkien ma' dan, nafu wkoll li l-Bandalora artistika tad-Duka waslilha ż-żmien ukoll li tiġi restawrata imma għadna ma wasalniex sabiex ikollna ideja ċara tal-ispejjeż kif ukoll tal-mod kif ser issir.

Proġett kbir ieħor hu dak li tissaqqaf il-bitħa, fejn flimkien ma' dan jrid isir ukoll xkatlar u tikħil tal-Bitħa. Hu stmat li dan il-proġett ser jiswa lill-każin biss madwar €10,000, mingħajr ma nidħol fil-mertu tal-ispiża li l-kumpanija BeBirgu Ltd ser tkun qed toħroġ għall-istess għan. Proġett ieħor hu s-Sala tal-Arkivju, fejn apparti li jitlesta l-Bankun, hi x-xewqa tagħna li nirrestawraw ukoll l-Arkivju Mużikali tagħna. Flimkien ma' dan, irridu nqisu wkoll li bħalissa għaddej ir-restawr tal-Faċċata, li jfisser ukoll spejjeż li jinqalgħu tul iż-żmien madwar dan il-proġett. Proġett ieħor li nixtiequ naraw jitwettaq, sabiex ikun ġawhra fil-kuruna, hu dak tal-Leġiju tal-Planċier. Kif semmejt iktar il-fuq, dan proġett li jiswa eluf kbar, u nixtiequ nagħmluh, imma rridu l-fondi għalih.

F'kelma waħda, nista' nibqa' sejjer u ma nispiċċax b'dak kollu li nixtiequ nagħmlu. Mhux ser naqtgħu qalbna quddiem din il-lista kollha, imma naħdmu bil-galbu sabiex naqtgħu proġett wara proġett bil-mod. Pero` rridu l-għajnuna ta' kulħadd biex dan iseħħ, speċjalment dik finanzjarja.

# Sehem is-Soċjetà Muzikali u Banda Vittoriosana San Lawrenz

# Festa 2013

**It-Tlieta 30 ta' Lulju**
Mit-8.00 pm il' quddiem Lejla Maltija fil-Mandraġġ organizzata mill-Għaqda Piroteknika 10 t'Awwissu

**L-Erbgħa 31 ta' Lulju**
Fis-6.00pm Quddiesa għall-membri tal-Kumitati nvoluti fl-organizazzjoni tal-Festa u d-devoti ta' San Lawrenz bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz. Wara ssir il-ħruġ tal-vara bi proċessjoni mal-Knisja fejn titpoġġa fuq il-bankun fil-kursija waqt li jitkanta l-Innu Popolari ta' Lorenzo Galea. Wara jsir kant tal-antifona, barka sagramentali u bews tar-Relikwija.

Bejn id-9.30pm u l-11.30 pm il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tagħmel il-Marċ tal-Mota tan-Novena b'daqq ta' marci ferrieħa madwar it-toroq tal-Belt Rebbieħa.

**Il-Ħamis 1 t'Awwissu**
Fis-6.00pm Bidu tan-Novena f'ġieħ San Lawrenz.

**Il-Ġimgħa 2 t' Awwissu**
Fit-8.00 pm Ikla Grandjuża organizzata mill-entitajiet li jorganizzaw il-Festa.

**Is-Sibt 3 t' Awwissu**
Fit-8.00pm Red Lager Night fil-Bitha tal-Każin.

**Il-Ħadd 4 t' Awwissu**
Mill-10 am il' quddiem ' Red Gathering' fil-Kazin tas-Soċjeta' li jkun l-aħħar wieħed minn sensiela li saru bi tħejjija għal festa organizzati mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi.

**It-Tnejn 5 t' Awwissu**
Fit-8.00pm Riċeviment tal-Festa għall-mistiedna distinti, membri u benefatturi tas-Soċjeta'.

**It-Tlieta 6 t'Awwissu**
Fit-8.00pm Marc mill-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Għaxaq madwar it-toroq tal-Belt Vittoriosa. Fi tmiem il-Marċ 'Laser Show' u spettaklu kbir li jinkludi logħob tan-Nar. Attivita' organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmizi

**L-Erbgħa 7 t' Awwissu - Vittoriosa in Festa**
Fit-8.00pm Marċ mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz minn Triq il-Mina l-Kbira sa' Misraħ ir-Rebha fejn wara tesegwixxi l-Kunċert 'Vittoriosa in Festa' bis-sehem ta' diversi kantanti, żeffiena u animazzjoni oħra.

**Il-Ħamis 8 t' Awwissu - Antiviġilja**
Fit-8.30pm Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz takkompanja l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lil Għomja mat-toroq prinċipali tal-Belt Vittoriosa fejn għall-ħabta ta' nofs il-lejl isir it-tlugħ tal-istatwa fuq il-Kolonna.

**Il-Ġimgħa 9 t' Awwissu – Lejliet il-Festa**
Fl-10.30a.m Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' Te Deum fost il-briju kbir tal-partitarji.

Filgħaxija Marċi u Programmi mill-Banda Kristu Re, Raħal Ġdid u Madonna tal-Karmnu, Balluta. Baned mistiedna mill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz.

Mill-10pm il'quddiem spettaklu tal-logħob tan-nar fil-Port il-Kbir mill-Għaqda Piroteknika 10 t'Awwissu

**Is- Sibt 10 t' Awwissu –**
**Festa Liturġika ta' San Lawrenz**

Fid-9 am. Il-President u membri tas-Soċjeta' Mużikali San Lawrenz jattendu għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Festa Liturġika ta' San Lawrenz.

Wara l-Quddiesa tal-Festa l-Kumitat jospita lill-Eċċellenza Tiegħu Isqof Awżiljarju Charles Scicluna flimkien mar-Rev. Kapitlu tal- Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Każin

**Fis-1.00 pm** Ikla tal-Festa fir-Restaurant Don Berto

Filgħaxija Marċi u Programmi mill-Banda Cittadina 'King's Own' tal-Belt Valletta, l-Banda Anici ta' Ħal-Qormi u l-Banda San Girgor, Sliema. Baned mistiedna mill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz.

Fis-7.30 p.m. Ħruġ tal-Proċessjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz Padrun tal-Belt Rebbieħa.

**Il-Ħadd 11 t' Awwissu – L-Għada tal-Festa**

Bejn id-9.00pm u 11.00pm Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz takkompanja l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lil Għomja minn fuq il-kolonna sa l-Oratorju ta' San Ġużepp.

# Ftuħ Uffiċjali tal-Bar tal-Każin

# Id-djakni fil-Knisja .....
## Sejħa għad-Djakonija

minn Fr Charles Buttigieg

***"...u ħatru 'l Stiefnu, raġel mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, u 'l Filippu u 'l Prokoru u 'l Nikanor u 'l Timon u 'l Parmenas u 'l Nikolas, proselitu minn Antijokja; qegħduhom quddiem l-appostli, u dawn talbu u qiegħdu jdejhom fuqhom" (Atti 6:5-6).***

### Fil-Ġdid Testment

Is-sejħa għad-djakonat insibuha rrakkontata b'mod ċar fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli miktub minn San Luqa, fejn naraw il-ġażla tas-sebà djakni, fosthom lil San Stiefnu li ta xhieda tad-djakonija tiegħu bl-iktar mod perfett permezz tal-martirju: "...u ħatru 'l Stiefnu, ragel mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, u 'l Filippu u 'l Prokoru u 'l Nikanor u 'l Timon u 'l Parmenas u 'l Nikolas, proselitu minn Antijokja; qegħduhom quddiem l-appostli, u dawn talbu u qiegħdu jdejhom fuqhom." (Atti 6:5-6). Dawn id-djakni ġew mahturin mill-appostli mmexxija mill-Ispirtu s-Santu, sabiex jgħinuhom fil-ħafna xogħol tagħhom qalb l-ewwel komunitajiet insara. Id-djakni magħżula minn fost il-komunità ġew ippreżentati quddiem l-appostli li talbu flimkien u poġġew idejhom fuqhom sabiex iwettqu l-missjoni meħtieġa tagħhom.

Naraw ukoll li fiż-żmien San Pawl kien hemm diversi kollaboraturi, persuni sabiex flimkien mal-appostli jaħdmu biex jixxandar il-vangelu ġdid ta' Kristu lill-ġnus kollha, fost dawn insibu d-'Diakonoi' li bħala djakni kellhom diversi ħidmiet. Huwa mportanti li dawn il-ministri fil-Knisja kienu dejjem jinħatru bl-approvazzjoni ta' ministri oħrajn u wara li kien ikun aċċertat li kienu kandidati maturi u mistħoqqa.

Fl-ewwel żminijiet id-djakni kienu jqassmu l-Ewkaristija lill-ġemgħa liturġika u lill-morda, kienu janimaw it-talb waqt l-Ewkaristija u kienu ukoll jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tal-flus u l-ġid tal-Knisja. Infatti minħabba l-ħidma tagħhom fil-Knisja bħala kollaboraturi tal-isqfijiet, id-djakni għall-ewwel kellhom importanza kbira saħansitra iktar mill-presbiteri, dawk li kienu saċerdoti; iżda imbagħad wara l-presbiteri bdew jieħdu iktar tmexxija f'idejhom. Ħafna kienu dawk id-djakni fl-ewwel żminijiet tal-Knisja li ħadu l-martirju. Ilkoll nafu bil-martirju ta' San Lawrenz, l-ogħla wieħed mis-sebà djakni ta' Ruma li kellu l-Papa Sistu II u li kien iwettaq id-djakonija qalb l-foqra ta' Ruma, it-teżori tal-Knisja.

### Ir-Rit tal-Ordinazzjoni tad-Djakonat

Nistgħu nifhmu aħjar l-ordni tad-djakonat billi nagħtu ħarsa ukoll lejn ir-rit tal-Ordinazzjoni tad-Djakonat innifsu meta l-Isqof jordna djaknu. L-ewwel issir il-Petizzjoni lill-Isqof minn dak li jkun inkarigat mill-formazzjoni tal-kandidat għad-djakonat; imbagħad issir l-omelija mill-Isqof u wara l-interrogatorju. Dak li ser ikun ordnat djaknu jagħmel wegħda mportanti ta' ubbidjenza lill-Isqof u wara titkanta l-litanija tal-qaddisin. Il-mument l-iktar solenni huwa it-Tqegħid ta' l-idejn mill-Isqof waħdu, fis-skiet u t-Talba Konsagratorja. Id-djaknu l-ġdid jilbes l-istola u d-dalmatika. Wara l-Isqof jagħtih l-Evanġelarju u l-Bewsa tal-Paċi.

It-talba konsagratorja għad-djakonat turi l-funzjoni liturġiku li għandu djaknu u r-rabta tiegħu mal-liturġija tal-Knisja. Turi ukoll is-servizz għall-karità li għandu jkollu d-djaknu. Id-dalmatika tad-djaknu (jew tuniċella) hija l-libsa proprja li fil-bidu kienu jilbsuha s-sebà Djakni biss. L-istola jew 'horarium', insibuha għall-ewwel darba fis-seklu sitta fil-Knisja Spanjola. Id-djaknu jilbes l-istola tiegħu fuq l-ispalla u tintlibes b'mod differenti minn tas-saċerdot kif insibu fil-Konċilju ta' Toledo fis-seklu sebgha. Tintlibes fuq l-ispalla x-xellugija, ħalli n-naħa tal-lemin jibqa` liberu, simbolu sabiex b'hekk ikun jistà bla xkiel iwettaq il-qadi tiegħu. Fil-Knejjes Griegi d-djaknu jilbes l-orarion (stola) fuq l-sticharion (dalmatika) u f'rasu jilbes il-kamilavka. Fil-knisja Griega d-djaknu għandu rwol importanti fil-ministeru tal-kant u tal-inċensazzjoni tal-ikoni. Huwa jista' jamministra l-magħmudija 'in extremis', fejn is-sagramenti bħaż-żwieġ huma amministrati mis-saċerdoti u mhux mid-djakni f'dawn il-knejjes.

L-Ordni tad-Djakonat hu l-ewwel grad tas-sagrament tal-Ordni Sagri. Il-Papa Piju XII fis-'Sacramentum Ordinis' tal-l947 jgħid li s-sagrament tal-Ordni Sagri għandu tliet gradi; id-Djakonat, il-Presbiterat u l-Episkopat. Hija l-Konsagrazzjoni Episkopali tal-Isqof li hi l-milja tas-sagrament tal-Ordni Sagri u għalhekk id-djakni u s-saċerdoti għandhom ikunu dejjem f'għaqda mal-Isqof.

Għalhekk id-djaknu jwettaq id-djakonija tiegħu billi qiegħed ghas-servizz u għall-qadi tal-Knisja. Huwa jħabbar u jxandar il-Kelma t'Alla tal-Vanġelu, jista' ukoll ifisser din l-istess kelma t'Alla u jwassal l-Ewkaristija lill-morda. Fuq kollox id-djaknu minbarra li jgħammed jista' ukoll jassisti għas-sagrament taż-żwieġ. Għalhekk id-djakonija hija marbuta mal-liturġija u mal-karita`. Din hija l-missjoni tad-djaknu fil-Knisja.

## Id-Djakonat Femminili fil-Knisja Griega u Kopta

L-ewwelnett tajjeb li nsemmu li fil-ministeru ta' San Pawl huwa isemmi d-djakonessi, fil-fatt għandna lil Febe: djakonessa ta' Kenkre, port ta' Korintu, mibgħuta Ruma bl-ittra lir-Rumani. Il-ministeru tagħhom huwa msemmi fil-kitbiet ta' Klement ta' Lixandra, id-Didaskalija, Origine, Epifanju ta' Salamis, Bażilju ta' Cesareja, Gwann Krisostmu, Girgor ta' Nissa. Tajjeb ukoll li ngħidu li għal diversi sekli kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent sas-seklu 13 fil-knisja kienet baqgħet teżisti l-figura tad-djakonessi li kienu jippreparaw spiritwalment speċjalment il-katekumeni nisa. Is-Sinodu Qaddis tal-Knisja Ortodoss tal-Greċja li sar f'Ateni fit-8 ta' Ottubru 2004 ivvota favur t-twaqqif tad-djakonat femminili. Kemm Evangelos Theodorou u l-monaku Cipriano Vagaggini kitbu dwar l-ordinazzjoni tad-djakni nisa fil-bidu tal-Knisja. Fl-1907 il-kummissjoni tal-Knisja Ortodossa Russa kienet irreġistrat l-presenza tad-djakonessi ġewwa Georgia. Anke is-Simposju interortodotoss ta' Rodi fl-1988 saħaq « l'ordine apostolico delle diaconesse dev'essere fatto rivivere ». Anke d-dokument dwar id-djakonat ppubblikat mill-Kummisjoni Teoloġika Internazzjonali tal-Vatikan fl-2002 kien ammetta li l-kanoni 15 tal-Konċilju ta' Kalcedonja fis-sena 451 jidher jafferma l-ordinazzjoni (cheirotonia) tad-djakonessi. Insibu l-ordinazzjoni tad-djakonessi fil-Knisja Apostolika Armena.

Anke il-Knisja Kopta tħares b'mod pożittiv lejn id-djakonessi fil-monasteri tagħha. Fl-1981 il-Patrijarka Shenuda III kien ordna 180 djakonessa (shammasat). Dan kien ikkonfermat fis-Sinodu Qaddis tal-Knisja Kopta fl-1990-1991.

## Id-Djakni Permanenti

Tajjeb li ngħidu li 'id-djakni permanenti' li kienu ispirati mill-Konċilju Vatikan II. Fil-fatt kien ġie istitwit wara mill-Papa il-Venerabbli Pawlu VI fl-1972, wara li kienu bdew il-proċessi fl-1967. F'hafna djoċesijiet fid-dinja, fejn hemm nuqqas ta' saċerdoti, id-djakni permanenti (li ħafna huma irġiel bil-familja) qegħdin iwettqu xogħol pastorali mportanti u qegħdin ikunu ta' għajnuna għall-presbiteri u għall-isqfijiet. L-akbar numri ta' djakni permanenti jinsab fl-Istati Uniti. Min jaf, forsi fil-futur u mhux fil-bogħod, ir-rejalta` tad-djakni permanenti tkun qed tagħti s-sehem tagħha hawn Malta ukoll. Fil-fatt l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona O.P. tkellem dan l-aħħar dwar din il-possibilita' u sabiex jiġi ikkonsidrat u jingħata bidu għal dan il-proċess.

---

***Biblijografija***
Aubert M.J., *Il Diaconato alle Donne?*, Milano 1989.
D'Angelo M.R., "Women patrners in the New Testament", JFSR 6 (1990) 65-86.
*Diakonia. Church for the Others*, N. Greinacher – N. Mette (eds.), *Concilium* 198/4, 1988.
Ferrari, G., "Le diaconesse nella tradizione orientale", in *Oriente Cristiano* 14/1 (1974) 28-50.
Mc BRIEN, R.P., *Catholicism,* New York 1994.
Millitello, C., *Donna e ministero. Un dibattito ecumenico*, Roma 1991.
*"We are your servants". Augustine's homilies on ministry,* J.E. Rotelle (ed.), Philadelphia 1986.

**Ikla Familjari fil-Kumpless tad-Danish Village madwar il-Pool nhar il-Ġimgħa 23 t'Awwissu, 2013 mit-8pm il' quddiem. Prezz inkluż it-trasport € 24 Kbar u € 12 Tfal. Aktar dettalji mingħand Oscar Adami u Eugenio Pellicano**

**Dawk li għadhom ma' tawx l-għotja tagħhom fil-ġabra li qed issir ta' qabel il-Festa bħala għajnuna lill-Każin tal-Banda huma mħeġġa li jagħmlu dan. Grazzi bil-quddiem. Kull għajnuna tiġi apprezzata.**

**Ikla tal-Festa nhar is-Sibt 10 t'Awwissu, 2013 fid-Don Berto Restaurant, Vittoriosa Waterfront fis-1pm. Prezz € 25. Aktar dettalji mingħand Oscar Adami u Eugenio Pellicano.**

# "Il-Ġranet tal-Festa flimkien mal-Grupp tan-Nar"

*jikteb Noel Castillo*

Għeżież Vittoriosani,

Meta talabni l-Editur biex nikteb messaġġ fl-edizzjoni tal-festa ta' din in-"newsletter", ħsibt li flok is-solitu messaġġ, ndaħħal lill-qarrejja fl-atmosfera li ngħaddu minnha ta' kull sena, aħna tal-Għaqda tan-nar f'dawn il-ġranet.

Sa min-nofs ix-xahar ta' Ġunju, il-grupp tal-armar jidher fit-toroq ta' Beltna, issa jarma l-arbli jew il-ħbula u mitt ħaġa oħra biex il-Birgu jitlibbes il-libsa tal-Festa, li hija bla dubju l-aktar ħaġa li aħna magħrufa għaliha. Il-membri tal-Għaqda tan-Nar huma ferm limitati fin-numru u ħafna minnhom ikunu wkoll mall-grupp tal-armar għaddejjin b'din il-ħidma fejjieda... Il-kumplament ikunu qed iħabbtu wiċċhom ta' kuljum mal-problemi li jitolbu l-preparamenti tan-nar – permessi, loġistika, braken, eċċ.

Filwaqt li ninża totalment il-kappell lil min illum qed jieħu ħsieb l-armar tat-toroq (li fil-passat konna nieħdu ħsiebu wkoll aħna), nassigurakom li huwa ferm aħjar li tarma t-toroq u fl-ewwel ġranet t' Awwissu tara l-Birgu ġenna tal-art, tistrieħ xi ftit u tieħu pjaċir bil-ħidma tiegħek... milli nkella trid tibda propju ħidmietek fil-jiem tant sbieħ taċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tagħna.

Il-ġimgħatejn tal-festa fi ħdan l-Għaqda tan-Nar huma bil-wisq differenti minn ta' kull entita` oħra. L-ewwel passjoni kbira hija l-famuża "ġabra tal-aħħar". Hawn min jgħidilna "mela anke llum ħa tkomplu tiġbru?" Ftit hawn min jaf li aħna nibbażaw l-ordnijiet tan-nar li jsiru f'Diċembru fuq dħul ta' flus li qatt m' aħna ċerti hux ser indaħħluh jew le. Fosthom din l-imbierka ġabra li nagħmlu fil-ġranet tal-festa. U emmnuni iva – din ta' dwejjaq għalina. Għax flok nieħdu pjaċir irridu naraw kif ħa niġbru l-fondi anke fl-aktar mumenti sbieħ tal-festa. Mhux ser nkompli nagħmel priedki – naħseb fhimtuni. Jekk tagħmlulna l-ħajja aktar faċili meta taraw wiċċna f'dawn il-ġranet, ikollna forsi ftit ċans bħalkom biex nieħdu "drink" u nieħdu gost ħbieb...

Il-piż il-kbir jibda propju fl-ewwel jiem tan-Novena. Għax minkejja li aħna għandna l-unur ngħidu li nvestejna u xtrajna ħafna materjal (kanni, eċċ) biex ikun kollox tagħna u ma noqogħdux nissellfu, xorta jibqa' xi materjal bħalma huma kanni tal-ħadid, etc li nkunu rridu nibdew induru diversi postijiet biex niġbruhom u jkunu f'idejna. U dan materjal mhux ħafif f'dak li hu toqol tafux!!

Imbgħad jibdew l-imberkin ġranet tal-armar tal-braken... F'xemx taqli u fuq art tal-ħadid trid tqatta' siegħat twal tarma l-kanni u n-nar. Anzi dan l-aħħar, qed nagħmlu dan ix-xogħol mall-moll tal-bajja ta' Rinella u mhux f'nofs ta' baħar. Normalment dawn ikunu l-5, is-6 u s-7 t' Awwissu. Hemmhekk xi kultant tinsa li qiegħed fil-ġranet tal-festa ghax flok pavaljuni u statwi... ħlief nies jgħumu ma tarax. Imn'alla jkun Elton Randich li jarma "stereo" bil-mużika tal-festa fuq il-barkun biex idaħħalna fl-atmosfera...

Filgħaxija fis-6 t' Awwissu, ovvjament nitilgħu għall-marċ imma l-ħsieb ikun biss fuq ix-xogħol li jkun fadal għall-għada, aktar minn dak li jkun qed jiġri. Apparti li tkun bla saħħa ta' xejn. Is-sena l-oħra eżempju, waqt il-Kunċert tal-Banda fis-7 t' Awwissu, ħafna minna spiċċaw marru jorqdu biex jistrieħu u l-ftit li konna preżenti lanqas flaħna nqumu minn bil-qiegħda.

L-Antiviġilja hija l-aktar ġurnata għal qalb ħafna minnha. Ta' lanqas filgħodu nibdew nisparaw ... u nibdew bil-problemi!!... Lanqas tilħaq taħraq l-ewwel bomba u forsi tieħu ftit pjaċir bid-delizzju, li ma jċemplux mill-Għassa jew minn xi entita` ħanina oħra. U fil-frattemp trid tkompli bix-xogħol, għax jekk tieqaf ma tlestiex. Filgħaxija bejn bil-problemi u bejn bl-iskariġġ tad-dgħajsa li rridu nagħmlu użu minnha biex nisparaw, nispiċċaw naslu l-pjazza kważi ftit tal-ħin qabel il-marċ jaqbad Triq il-Mina l-Kbira. Ovvjament maħmuġin "nintnu" kif jgħid il-Malti u fejn ħaddieħor ikun ġa "happy" b'xi erba' "drinks", aħna nkunu qisna nżilna mill-qamar... U xorta rridu naqbdu l-ktieb tal-irċevuti u niġbru għax inkella ma jkollnix biex inħallsu dak li ordnajna!!! Ħeqq la krejniha rridu noqogħdu għaliha mhux hekk?? Imma l-lejla sabiħa tal-Antiviġilja tnessik kollox anke jekk ġieli taħlef li tkun tal-aħħar dik is-sena!!

L-għada kmieni filgħodu ħafna, fi kwiet taqtgħu b'sikkina, aħna ġa nkunu fuq l-imbierek barkun nippreparaw għal-loghob tan-nar tat-Te Deum. U hawn vera nkunu ftit, għax min xorob u ma qamx... min mar jgħin lil tal-armar għax kienu ftit biex itellgħu l-bnadar ... u emmnuni ġieli jkollok aptit titlaq lil hemm u ma taħraq xejn. Imma r-riħa tan-niċċa tal-ewwel bomba malajr tbiddillek il-burdata u tħoss il-ferħ sabiħ ta' din l-għodwa Lawrenzjana.

Il-marċ ta' filgħodu kulħadd ikun qed jistennih... mhux hekk? Dawn l-aħħar sentejn, grazzi għal ideja ta' Charlie Gellel, qed noħorġu niġbru bil-kaxxa trasparenti u nagħtu "drink" li min jagħtina xi ħaġa wkoll... Ideja li ħadmet!!! Mela jekk tridu "drink" b'xejn fittxuna din is-sena.... basta ddaħħlu jdejkhom fil-but!! Ovvjament, apparti l-ġbir, trid tirrispondi l-imgħarraq "mobile" u l-problemi li jibdew ifaqqsu minn ħin għal ħin relatati mal-logħob tan-nar ta' filgħaxija.

Iżda l-aktar mument diffiċli u ta' dwejjaq għalina, huwa fi tmiem il-marċ, meta ma nistgħux inkomplu nifirħu mall-kumplament, iżda jkollna immedjatament immorru biex nibdew nippreparaw għan-nar tat-Translazzjoni u ta' filgħaxija – bla saħħa ta' xejn u ovvjament b'xi naqra "hang over" ukoll. Is-sena l-oħra ħadt iċ-ċirasa fuq il-"cake" f'dan il-ħin għax spiċċajt bil-Marixxal tal-Qorti wara l-bieb tad-dar peress li ġhoġobhom jifthulna mandat ta' inibizzjoni biex ma nkomplux nisparaw.

# Soċjetà Mużikali San Lawrenz
## *Belt Vittoriosa*

Meta jmur kollox sew filgħaxija u tara n-nies kulħadd ġej jgħidlek prosit, tinsa xi ftit il-passjoni li tkun għaddejt minnha u ejja ngħiduha kif inhi – tieħu gost għax umani aħna. Iżda meta l-affarijiet ma jmorrux sew, id-dieqa tkun waħda kbira ħbieb għax thossok għażaqt fil-ħama. Iżda l-istorja ma tieqafx hemm...

Sakemm ma jkunx riħ – Jum l-10 t' Awwissu huwa jum rilassanti għal kull min jaħdem fl-entitajiet tal-festa li jibda bil-quddiesa, l-ikla tal-festa u l-ferh tal-purċissjoni... Kemm hu differenti dan il-jum għalina!!! – Jum li xorta waħda nħossuna kburin li għammidna l-Għaqda tagħna bih. Fis-6 ta' filgħodu, nkunu ġa fuq saqajna biex nippreparaw u nagħtu merħba lil dan il-jum tant sabiħ bil-logħob tan-nar u wara nibdew il-ħidma biex nippreparaw għan-nar ta' Jum il-Festa. Siegħat twal ta' xemx taqli fuq il-barkun sakemm finalment jasal il-ħin tas-7 ta' filgħaxija biex inqattgħu forsi l-isbaħ tliet siegħat li nkunu tant ilna nistennew. Mhux biss libsa tal-festa u mhux fit-toroq imżejna tal-Birgu imma b'xi flokk inkallat bejn sema u ilma... Imma ferħanin, għax għal sena oħra flimkien bħal aħwa, fid-delizzzju tagħna... f'Jum il-Patrun ta' Beltna.

Mhux ta' b'xejn ma nisthux li noforqu minn ġon-nies u nidħlu fil-Knisja tagħna bl-ilbies xejn dekoruż li nkunu bih u npoġġu l-fjuri f'riġlejn Lorenzu tagħna fi tmiem il-purċissjoni... Minkejja li ma narawhx idur fit-toroq ta' Beltna, xorta waħda nħossu li b'ħidmietna nkunu sellimnilu bl-arti tal-piroteknika.

Ktibt din it-tip ta' kitba mhux biex b'xi mod xi ħadd jiġi jgħidilna grazzi... lanqas biex inpenġi lilna nfusna bħala l-imsieken tal-festa... jew biex nipprova ngħid li aħna nbatu ħafna aktar minn ħaddiehor... Ktibt din il-kitba biex nuru minn xiex jgħaddu dawk li ma tantx jidhru... Huwa vera li dak li nagħmlu nagħmluh għax irridu aħna u ħadd ma jibgħatna... nagħmluh għax iffissati fuq in-nar... imma ovvjament kollox fih il-prezz tiegħu. U l-Birgu l-problemi huma ħafna akbar minn ta' min għandu l-eġħlieqi u t-tradizzjoni tal-piroteknika.

Nagħlaq din il-kitba billi nistedinkhom tieħdu gost b'dak li għandna ppreparat din is-sena b'mod partikolari bin-nar sinkronizzat li ha naħarqu fis-6 t' Awwissu minn fuq il-bjut tal-pjazza, bil-famuża "La Notte di San Lorenzo" li saret tant popolari lejliet il-festa u bin-nar li għandna ppreparat għal Jum il-Festa, l-aktar il-Kaxxa tal-ħruġ li din is-sena wkoll ser tkun forma ta' "display" bis-sistema Pyrodigital. J'Alla kollox imur sew, ħalli tal-anqas nieħdu sodisfazzjon ta' sena ħidma, nagħtu gost lil kull min jiġi jara dak li preparajna u nissiġillaw is-superjorita` tagħna f'dan il-qasam... fl-inħawi kollha ta' madwar Belt twelidna.

# Wiċċ Imb'Wiċċ ma' Anton Attard

*minn Paul Micallef*

Minn dawk li ntervistajt s'issa, forsi taqta' barra lil Lorenzo Zahra , Anton Attard kien l-iktar wieħed li rrisponda eżatt. Jaf jirrakonta bid-dettalji kollha, anzi jagħtik sfond storiku ta' kull fatt li jiftakar, ta' kull imkien li jsemmi. Wara kollox din tistennieha mingħand Anton bħala riċerkatur u anki nsejjaħlu esploratur fuq fatti li ma tantx ikunu magħrufa, speċjalment ma dak li għandu x'jaqsam il-Birgu u dak kollhu relatat miegħu. Imbagħad hu, mingħajr xinxilli żejda, jaqsam mal-qarrejja dawn l-iskoperti b'mod fidil mal-fatti tal-kitbiet tiegħu li nsibu f'diversi rivisti kemm maħruġa mill-entitajiet tal-Birgu fosthom il-programmi tal-festa u anki din l-istess newsletter bis-sensiela interessanti 'Mill-Birgu tal-Imgħoddi" kif ukoll f'diversi rivisti Nazzjonali dejjem fuq sfond storiku.

## Parentela miegħi

Għalkemm forsi din il-ħaġa kont nafa jew suppost kont nafa, jien niġi mill-bogħod minn Anton. Fil-fatt ommi Karmena kunjoma xebba hi Attard ukoll. Anton qalli li nannuh Gużeppi u n-nannu ta' ommi huma aħwa. Ukoll, skond Anton kont jien li varajtu għall-karriera ta' riċerka u anki fuq il-media tax-xandir. Pero' dan taqrawh iktar tard. Għalissa nħallikom bil-kurżita.

Anton mill-ewwel laqa' l-istedina tiegħi biex jiġi 'sottomess' għal baraxx ta' domandi minni u żgur kulħadd jaqbel miegħi li kull min jaf lil Anton , hu bniedem mill-aħjar kemm bħala karattru u kemm għat-tagħrif siewi li dejjem lest li joħroġ mill-'basket' iffullat ta' informazzjoni li hu dejjem iżomm maħżun fil-menti tiegħu

## In-nannu Ġużeppi

U hawn Anton beda r-rakkont fuq ħajtu saħansitra ferm qabel mal-Mulej kien ħażżu fuq il-karta , ferm qabel ma missieru iltaqa' m'ommu u ferm qabel ma ġie imnissel. Hu rrakontali fatt interessanti fuq membru importanti tal-arblu tar-razza tiegħu - nannuh Ġużeppi minn naħa ta' missieru. Dan għaliex Ġużeppi, li kien baħri fuq il- Victoria għal naqra ma mietx waqt manuvri navali li kienu qed isiru mill-bastimenti tal-gwerra il- 'Victoria'u l-'Cumbertown', qrib il-Lebanon, fl-1898 meta kien għadu kemm iżżewweġ. Kieku nannuh għereq bħalma għamlu aktar minn 300 minn sħabu, missieru ma kienx jiġi fid-dinja u allura anqas ma kien jiġi fid-dinja hu. Anton kompla li Ġużeppi kellu ħabibu, ċertu Fenech li kien ukoll mill-Birgu, li ħelisha miegħu, pero' wara nqatel b'xebgħa sikkina fit-Turkija.

## Familja

Bħas-soltu nibdew bl-aktar mod naturali u nikteb li Anton twieled il-Birgu, f'nru 8 Triq il-Majjistral, f'Diċembru tal-1936 , ftit qabel ma faqqgħet it-tieni gwerra dinjija. Missieru kien Ġanni u ommu Tereża xebba Micallef, li kienet minn Bormla. Missieru kien jaħdem it-tarzna pero' wara x-xogħol kellu ħanut tal-ħelu u tal-merċa quddiem l-Armerija, li jien niftakar li ġieli kont nixtri l-ħelu mingħandu. Fil-fatt Anton qalli li matul il-ġimgħa hu u ħutu bil-kemm kienu jarawh lil missierhom għax dejjem kien okkupat kemm bix-xogħol tat-tarzna u kemm bil-ħanut.

Anton hu l-kbir fost sitta u l-oħrajn kollha nisa. Dawn kienu Rose, illum mejta , Violet li qegħda l-Awstralja, Antida, Joyce u Vicky. Il-ħajja meta twieled hu kienet differenti mill-lum għax f'sentejn u nofs u ftit wara li żżewġu ommu u missieru kellhom tlett itfal. Tarbija kull ħdax il-xahar ! Għalhekk minħabba esiġenzi familjari Anton trabba ħafna minn tfulitu maz-zijiet ħut missieru, fosthom is- superjur tal-mużew Manwel Attard li kienu joqogħdu fi Triq San Ġorġ u għalhekk tista tgħid li Anton trabba f'dik it-triq.

## Il-Birgu fil-gwerra

Meta faqqgħet il-gwerra jiftakar sew il-konfużjoni li kien hemm fil-Birgu meta waqgħu l-ewwel bombi u għadu jġib quddiem għajnejh in-nies ħerġin minn djarhom bis-soror fuq daharhom biex imorru jfittxu kenn f'irħula 'l bogħod mill-periklu. Minħabba li ma kienx għad hawn xelters jiftakar li, fil-bidu, ħafna nies, fosthom hu u żijietu daħlu u raqdu fil-kjostru tal-kunvent tad-Dumnikani. L-ewwel nies li mietu fil-Birgu kienu fil-maħżen tax-xogħol fejn illum hemm ulied Mabbli l-ħaddied, quddiem l-Armerija. Kienet mietet mara u żewġ uliedha.

## Waqt il-gwerra r-Rabat

Meta raw li l-gwerra kienet se tkun ta' theddida għal ħajjithom, bħall- maġġoranza tal-familji, il-familja Attard telqu mil-Birgu u marru Raħal Ġdid. Ġara li ftit wara li waslu, kienet waqgħet bomba fil-Pjazza u anki mietu n-nies u hekk hemm damu xi xahar biss. Wara marru Ħal Qormi u damu biss xi xahrejn minħabba li l-post kien żgħir wisq. Wara sabu post aħjar u Anton flimkien ma' ommu, missieru, ħutu u ħut missieru marru f'razzett fix-xaqliba magħrufa bħala 'Ħal Bajjada' , ir-Rabat. Hemm Anton qatta tfulitu ħafi jħuf qalb ir-raba u l-għelieqi . Għalkemm l-għan li jmorru hemm kien li jitbegħdu mill-periklu kontinwu tal-attakki tal-għadu pero' wara xorta kien kemmxejn perikoluż u mhux darba li waqgħu xi bombi qrib, għax imbagħad inzerta li ġie reġiment Ingliż stazzjonat f'dawk l-akkwati. U issa Anton qatta tfulitu jdur mas-suldati, li kienu saru jafuh u jiggustawh. Tant, li hu, flimkien ma zitu kien anki saħansitra jmur il-quddies San Duminku tar-Rabat fil-karozza mal-Brigadier tar-Reġiment, li nzerta kien kattoliku. Naturalment xi bott ħelu qatt ma kien jonqos. Anton jistqarr li fil-gwerra , kontra forsi tfal tal-eta' tiegħu, qatt ma bata ġuħ għax prattikament kien jgħix mas-suldati. Jagħmel id-drill magħhom u jiekol magħhom tant li minn hemm iddakkar u waħħalha f'rasu li meta jikber isir suldat kif, eventwalment meta kiber, għamel billi daħal fir-Royal Malta Artillery. Iżda kif se taqraw iktar tard qatt ma spara tir ta' kanun jew għamel xi parata għax spiċċa wara mejda qalb il-karti u t-typewriter bħala skrivan!

Waqt li kien ir-Rabat, Anton għamel il-preċett fil-Parroċċa ta' San Pawl. Il-Griżma kien għamilha aktar tard f'Bormla, billi l-ewwel darba li saret meta taffiet il-gwerra kien fil-Parroċċa tal-Kunċizzjoni. Fis-sena 1942 hu jiftakar li attenda għall-

Festa ta' San Lawrenz fil-Knisja ta' San Pawl. Kien ħadu zijuh Karmenu. Jiftakar ukoll li darb'oħra kien se jegħreq ġo vaska tar-raddiena meta niżel għall- ħut tal-ilma ħelu u billi l-ħajt kien imkaħħal ma setax jitla, u billi ma kienx jaf jgħum beda jgħajjat Kien salvah bidwi li fortunatament kien fil-viċin u sema t-twerżieq tiegħu.
Darba missieru kien ħadu fuq is-Saqqajja biex jaraw il-Forti Salvatur, li qiegħed qrib iċ-ċimiterju ta' San Lawrenz , jaqbad billi l-għadu kien tefa' xi bombi inċendjarji fuqu. Dam jaqbad ħafna, għax fih kien hemm maħżun il-petrol.

## Il-Birgu wara l-gwerra

Jiftakar li meta battiet il-qilla tal-gwerra l-familja rritornat lura l-Birgu u qalli li l-Birgu kien qisu mimli għelieqi, bil-ħaxix ħażin jinbet bejn iċ-ċangaturi tat-toroq u toroq oħrajn borġ ġebel. Dak iż-żmien rari kont tara xi tifel jew tifla mhux infaxxat għax kulħadd xi darba jew oħra kien ikollu xi inċident minħabba id-debris li kien hemm . Anton jiftakar li għal naqra ma mietx meta, ta' tfal li kienu, kienu jmorru jilagħbu fil-bini mwaqqa u mhux l-ewwel darba li kienet se tiġri xi traġedja. Anton jiftakar li darba telgħu fuq il-bini mwaqqa ta' dik li llum tissejjaħ Triq Hilda Tabone, dak iż-żmien Triq Brittannika u minn hemm qabżu l-bjut mnejn ġiet tidher il-bitħa tal-każin tal-banda . Minn fejn kienu dehret l-istatwa li hemm fil-bitħa tal-każin li darba f'artiklu kont laqqamta bħala 'Palmina' u ħasbuha li kienet xi ruh. Bil-biża , Anton u sħabu ħarbu jiġru u sfronda xriek b'Anton u għal naqra ma niżilx tlett sulari u b'miraklu baqa mdendel għal isfel bla ma waqa' billi żamm maz-żewġ xorok li baqgħu sħaħ.
Jiftakar ukoll inċident ieħor meta tlett itfal sabu bomba li kienet tixbah *thermos* , qrib 'il-fortini'. Ippruvaw jifthuha u splodiet u għalkemm weġġgħu sew Anton ma jiftakarx li xi ħadd minnhom tilef ħajtu, iżda kienu għamlu żmien twil l-isptar.
Anton jiftakar sew il-festa ta' San Lawrenz tas-sena 1943 u billi l-istatwa titulari kienet għadha r-Rabat kienet saret festa tul ġurnata waħda bl-istatwa ta' San Lawrenz, magħrufa bħala 'tac-corma' li kien ħareġ proċessjonalment mill-knisja u Anton kien ha sehem bħala abbati.

## Miġja lura ta' San Lawrenz

Jiftakar ukoll meta l-istatwa ta' San Lawrenz mill-Imdina ittieħdet fis-santwarju ta'Bormla. Minn hemm ittieħdet proċessjonalment il-Birgu fuq il-pedestall ta' San Ġużepp ta' Bormla, billi tagħha kien inkiser meta waqgħet is-sagristija. Dakinhar kien niżel, tista tgħid, il-Birgu kollu u Anton, li kien libes ta' abbati, għadu jiftakar il-ferħ tal-poplu li mexa wara l-istatwa minn Bormla sal-Knisja ta' San Lawrenz.

## Miġja tal-istatwa u l-kwadru tal-Kunċizzjoni

Tkellimna wkoll dwar il-pellegrinaġġ bl-istatwa u bil-kwadru titular tal-Immakulata Kunċizzjoni minn B'Kara sa Bormla fid-19 Novembru 1944 .Il-Banda tagħna dak iż-żmien bl-isem *Duke of Edinburgh* kienet daqqet l-*Ave Maria* magħrufa bħala 'tal-fanfara' tas-surmast Paċifiku Scicluna imsieħba mill-kor tal-Qasam tal-Mużew tal-Birgu li Anton kien membru fih, meta l-Madonna waslet quddiem il-każin tal-Banda San Gorg.

## Priedka tal-Milied

Anton qalli li hu kien għamel l-ewwel priedka tal-Milied wara l-gwerra meta n-nies reġgħet bdiet tirritorna l-Birgu fl-1943. Dan seħħ fuq l-inizjattiva ta' Patri Ambrogg , l-istess wieħed li kien ħajjar lil Anton biex jidħol bħala abbati mad-Dumnikani meta kien jgħallmu fl-iskola tal-Armerija. Minħabba li dak iż-żmien ma setgħux isiru attivitajiet bid-dawl minħabba l-air raids kien għamilha fil-quddiesa li tqaddset fil-Kappella tad-Dumnikani fil-Palazz tal-Inkwiżitur fis-6.00am. Izda f'nofs il-lejl kien għamila xorta waħda. Li ġara kien li zitu Tereża kienet ħaditu f'nofs il-lejl għand is-sorijiet Franġiskani li kienu joqogħdu fi Triq il-Palazz tal-Isqof biex jagħmel il-priedka hemmhekk. Meta sar jaf b'dan , Patri Ambrogg, li kien kiteb il –priedka, kien ħataf lill-zitu waħda sewwa, għax beża li dan seta wassal biex Anton ma kienx ikun jiflaħ iqum biex jagħmel il-priedka fis-6.00am. Fl-istess ġurnata reġa' għamilha darb' oħra fil-Knisja ta' Santa Skolasatika fil-5.00 ta' filgħaxija.

## Fil-Ġimgħa l-Kbira

Anton jiftakar il-funzjonijiet sbieħ li kienu jsiru fil-Festa tal-Via Sagra u tul il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Knisja ta' San Lawrenz li kienet tkun imballata bin-nies. Kien jipparteċipa l-kor ta' Lorenzo u Angelo Galea fejn it-tfal kienu jkantaw 'solo' il-lamentazzjonijiet bil-latin. Fost dawk li kienu jkantaw kien hemm Anton, Lorry Civelli, Charles Brincat ta' Ċappaturi, Disma Attard li, sfortunatament, kien miet mgħarraq waqt mawra tal-iskola f'Kemmuna . Fil- proċessjoni Anton ħa sehem kemm-il darba b'xi bandalora tas-Seba' kelmiet pero qalli li qatt ma refa fil-vari.

## Edukazzjoni

Minħabba l-gwerra, Anton beda l-iskola primarja l-Armerija tard meta kellu 7 snin . L-uniċi żewġ għalliema kienu Grace Stone u Carmelo Bonnici flimkien mal-patrijiet dumnikani Ambrogg Darmanin, David Buhagiar u Philip Mallia.

## Skola Sekondarja u Vokazzjoni

Bħala sekondarja mar il-kulleġġ ta' De La Salle u wara t-tieni sena tħajjar isir Kapuċċin u beda jattendi l-iskola Serafika tall-Kapuċċini l-Furjana, iżda kompla l-iskola sekondarja meta mar lura d- De La Salle . Anton semma li l-ħajra marritlu minħabba li kien siefer mal-kapuċċini meta marru Ruma għal-kanonizazżjoni tal-Kapuċċin San Injazju da Jaconi, bil-vapur bl-isem ta' *Celio*. Dakinhar kien għamel maltemp kbir, tant li kienet għerqet il-knisja tal-Kalkara, li kienet f'maħżen fil-bidu ta' Triq Rinella. L-istess kien seħħ fi Sqallija, tant li l-port ta' Siracusa kien miżgħud bl-iġsma ta' ħafna baqar, mogħoż u ngħaġ li kienu tkaxkru mix-xita qalila li kienet għamlet dawk il-jiem. Meta niżlu l-art u daħlu fil-lukanda kienu ngħataw qisu brodu abjad b' biċċiet ta' speċi ta'xaħam jgħumu fil-wiċċ. Meta Anton ma riedx iduqu għax stkerrħu. patri minnhom qallu li fil-kunvent mhux se jsib ikel aħjar minn dak ! Billi Anton hu

xi ftit delikat fl-ikel qalli li xxokkja ruħu u ħaseb bejnu u bejn ruħu li aħjar jaħsiba xi ftit, billi dik il-ħabta, jekk tittanta tħaddan xi ordni reliġjuża u terġa lura, kienu jħarsu lejk biċ-ċiera. Minn hemm radd is-salib u spiċċat l-avventura tiegħu li kellha twasslu għaċ-ċoqqa kannella.

## Abbati u Mużew

Wara żmien abbati Dumnikan , daħal abbati San Lawrenz ukoll. Pero' ma damx wisq għax daħal fil-mużew. Hemm dam sakemm kellu qrib 16- il-sena sa aspirant u wasal għal kandidat. Fost dawk li għadhom ħajjin, jiftakar lill- Mons. Dun Ġużepp Caruana jasal il-Birgu mill-Qasam tal-Mosta bħala kandidat. Minn hemm kien spicca fl-Azzjoni Kattolika.

## Logħob, ħbieb u traffiku

Bħala ħbieb kellu, fost oħrajn, lil-kuginuh Joe Bezzina il-Bega , liz-Żejtuni Karmenu Seychell, lil Charles Ciappara , Victor Schembri, Joe Mifsud ta' Bellurasu u lit-tfal il-kbar 'tal-Petut', Bertu u Toni. Dawn illum kollha ħallewna. Għadu ħaj Ġuzi (tal-forn) Gatt, li spiss jiltaqa' miegħu billi bħalu mar joqgħod Wied il-Għajn.

Bħala logħob, minbarra b'xi ballun taċ-ċarruta u aktar tard xi wieħed tat-tennis li kienu jsejħulu 'tal kamoxxa' f'xi wahda mit-toroq, kienu jilagħbu logħob ieħor bħal ħarba, il-passju, ix-xixu, tas-suldati, bil-boċċi u l-lewż, qrib San Martin. Il-bniet kienu jilagħbu b'xi pupa, u min ma kellux, b'xi trajbu forma ta' pupa u biż-żibeġ. Kienu jilagħbu fit-toroq bil-kumdita' kollha għax fil-Birgu kien hawn biss erba' karozzi. Dawn kienu ta' Stiefnu l-mastrudaxxa, tat-tabib Paris, tal-Petut u ta' Bellurasu. Dawn it-tnejn tal-aħħar kienu jinkrew ukoll bħala taxis għal min jiġi bżonn xi qadja urġenti. Wara l-Petut kien xtara truck biex juzah biex jixtri l-ħaxix mill-pitkalija li kienet ir-Rabat.

## L-effett tal-Emigrazzjoni

Anton għadda rimarka li ħass li hi mportanti biex tiddeskrivi diżappunt , jekk mhux ukoll dispjaċir, li spiss kien jinħass fil-ħajja ta' dak iż-żmien. Ħafna hassewha meta fl-eqqel tal-emigrazzjoni, lejn tmiem l-erbgħinijiet u tul il-ħamsinijiet kien hemm tfal u familji li filli kienu parti mill-ħajja ta dak li jkun u f'daqqa waħda jisparixxu. Fil-fatt dawn kienu jkunu emigraw lejn l-Awstralja, il-Kanada, l-Ingilterra jew l-Amerika. Anki Anton intlaqat minn din il-ħaġa fosthom tilef uħud minn ħbiebu bħal ma kienu t-tfal tal- familjia Buhagiar, li kien joqogħdu fil-Berġa tal-Ingilterra u t-tfal tal-familja Grech, li kienu joqogħdu fl-istess triq. Għadu jiftakar id-dieqa li kien iħoss meta kien iħares lejn il-bankijiet tal-iskola jew tal-mużew u jara l-postijiet battala fejn kienu soltu jkunu dawk sħabu li jkunu emigraw.

Dwar l-adolloxenza ta' Anton u l-bqija ... narawha f'ħarġa oħra.

## 'Vittoriosa in Festa'
## Programm Mużikali mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz taħt id-direzzjoni tas-Surmast Paul Schembri nhar il-Erbgħa 7 t'Awwissu, 2013 fid-930pm fuq il-Planċier Artistiku bit-tema' 'Eighties Flashback'

| | | |
|---|---|---|
| **Innu Marc** | San Lawrenz | *Giuseppe Frendo* |
| **Eighties Flashback** | Medley | *Arr. P. Murtha* |
| **Gloria** | Tozzi/ Branigan | *Arr. D. Carnevali* |
| **I was made for loving you baby** | Kiss | *Arr. F. Bernaerts* |
| **Crazy little thing called love** | Queen | *Arr. F. Bernaerts* |
| **Love changes everything** | Michael Ball | *Arr.P. Cutajar* |
| **Summer of 69** | Brian Adams | *Arr. F. Bernaerts* |
| **Live is life** | Opus | *Arr. E.Spiteri* |
| **Hot Stuff** | Donna Summer | *Arr. J.Van Kraeydonek* |
| **Lay all your love on me** | Abba | *Arr. F. Bernaerts* |
| **Sara Perche ti Amo** | Ricchi e Poveri | *Arr. E.Spiteri* |
| **Best of Guns N'Roses** | Guns N' Roses | *Arr. E.Spiteri* |
| **Eye of the Tiger** | Survivor | *Arr. P.King* |
| **L-Aħħar bidwi f'Wied il-Ghasel** | New Quorey | *Arr. G. Debono* |
| **Another brick in the Wall** | Pink Floyd | *Arr. E.Spiteri* |
| **You can leave your hat on** | Joe Cocker | *Arr. S.Cortland* |
| **The final countdown** | Europe | *Arr. P.Cutajar* |
| **Innu Marc** | Centinarju | *Paul Schembri* |
| **Innu Popolari** | San Lawrenz | *Lorenzo Galea* |
| **Innu** | Banda San Lawrenz | *H. H. Dalli* |

# ATTIVITÀ GĦAX-XHUR TA' LULJU - AWWISSU 2013

| | |
|---|---|
| **L-Erbgħa 3 ta' Lulju** | **Fl-10.00 am** Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi |
| **Is-Sibt 6 ta' Lulju** | **Fis-6.30 am** Tlugħ tal-Arblu tat-turretta |
| **It-Tnejn 8 ta' Lulju** | **Fis-6.00 pm** Quddiesa għar-ruħ ta' Dr. L Buttigieg ex-President tas-Soċjetà |
| **It-Tlieta 9 ta' Lulju** | **Fis-7.30 pm** Laqgħa ta' Kordinament mal-Każin Prince of Wales |
| **L-Erbgħa 10 ta' Lulju** | **Fis-6.00 pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Banda |
| **Il-Ġimgħa 12 ta' Lulju** | **Fit-8.00 pm** Ikla Promozzjonali fil-Każin minn BeBirgu għall-Membri u l-Ħbieb tagħhom |
| **It-Tlieta 23 ta' Lulju** | **Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali<br>**Fis-6.30 pm** Kunċert tal-Banda |
| **Il-Ħamis 25 ta' Lulju** | **Fit-8.00 pm** Servizz mill-Banda San Lawrenz fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta |
| **Il-Ġimgħa 26 ta' Lulju** | Jingħata bidu għall-armar tal-Plankier<br>**Fis-6.30 pm** Kunċert tal-Banda |
| **Il-Ħadd 28 ta' Lulju** | **Fis-6.30 pm** Servizz tal-Banda San Lawrenz fil-Festa ta' Kristu Re ġewwa Raħal Ġdid |
| **It-Tnejn 29 ta' Lulju** | Armar tal-Plankier |
| **It-Tlieta 30 ta' Lulju** | **Fis-6.30 pm** Kunċert tal-Banda |
| **L-Erbgħa 31 ta' Lulju** | Nattendu għall-quddiesa tal-aħħar Erbgħa f'Ġieħ San Lawrenz u wara għall-ħruġ tal-Vara bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz<br>**Fid-9.30 pm** Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tagħti bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet b'marċ brijuż mat-toroq tal-Belt Vittoriosa |
| **Il-Ħamis 1 ta' Awwissu** | L-ewwel Jum tan-Novena<br>Jitkompla l-armar tal-Plankier |
| **Il-Ġimgħa 2 t' Awwissu** | **Fis-6.30 pm** Kunċert tal-Banda<br>Ikla tal-Festa fil-Mandrġġ organizzata mill-Kumitati li jorganizzaw il-Festa |
| **Is-Sibt 3 t' Awwissu** | **Fis-6.30 pm** Kunċert Ġenerali<br>Red Lager Night fil-Bitħa tal-Każin bis-sehem ta' DJ. |
| **Il-Ħadd 4 t' Awwissu** | **Fl-10.00 am** RED GATHERING organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi |
| **It-Tnejn 5 t' Awwissu** | **Fit-8.00 pm** Riċeviment tal-Festa fis-Sala Prinċipali tal-Każin |
| **It-Tlieta 6 t' Awwisu** | **Fit-8.00 pm** Marċ mill-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq |
| **L-Erbgħa 7 t' Awwissu** | **Fit-8.00 pm** Marċ mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz u fid-9.15 pm tagħti bidu għall-Vittoriosa in Festa fuq il-Plankier Artistiku tas-Soċjeta` |
| **Il-Ħamis 8 t' Awwissu** | **Fit-8.30 pm** Il-Banda San Lawrenz tagħti bidu għall-marċ tal-Antiviġilja fejn takkumpanja l-istatwa ta' SAN LAWRENZ JAGĦTI D-DAWL LILL-GĦOMJA |
| **Il-Ġimgħa 9 t' Awwissu** | **Fl-10.30 am** Il-Banda San Lawrenz tagħti bidu għall-marċ brijuż tat-Te Deum mat-toroq prinċipali tal-Belt Vittoriosa |
| **Is-Sibt 10 t' Awwissu** | **JUM IL-FESTA TA' MISSIERNA SAN LAWRENZ**<br>Wara l-Quddiesa tal-Festa l-Kumitat jospita lill-Eċċellenza Tiegħu Isqof Awżiljarju Charles Scicluna flimkien mar-Rev. Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Każin<br>**Fis-1.00 pm** Ikla tal-Festa fir-Restaurant Don Berto |
| **Il-Ħadd 11 t' Awwissu** | Żarmar tal-Plankier<br>**Fid-9.00pm** il-Banda San Lawrenz tagħmel il-marċ tal-Għada tal-Festa |
| **L-Erbgħa 14 t' Awwissu** | **Fl-10.00 am** Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi |
| **Il-Ħadd 18 t' Awwissu** | **Fl-10.00 am** Il-Banda San Lawrenz tagħmel il-Marċ ta' filgħodu fil-Festa ta' Lourdes ġewwa Raħal Ġdid |
| **It-Tlieta 20 t' Awwissu** | **Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali |
| **Il-Ġimgħa 23 t' Awwissu** | **Fit-8.00 pm** Ikla Familjari fil-Mellieħa Holiday Complex |
| **L-Erbgħa 28 t' Awwissu** | **Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira |

MIFSUD GARAGE LTD.

**IRONMONGERY**

**Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar**

*56, La Vallette Street, Vittoriosa*

*Tel: 2180 7535*

**Tower Ladder**

**ta' 18-il Metru għall-Kiri**

Irrikorru għand:

***Paul Cilia***

***Mob: 9949 9623***

**Magic Prices**

***Carmel Street, Fgura***

Prop. Kevin Agius

Fejn issib il-ħtiġijiet kollha tad-dar ***bi prezzijiet li ma jitwemmnux.***

**Tel. 21 806039**

# Tools for the enthusiastic home cook & professional chef

## thecateringcentre

*Suppliers, consultants and maintenance of professional catering equipment*

8 Mosta Road, St. Paul's Bay, SPB 02 **Tel** 2157 7305, 2157 7347
Sta Lucia Street, Paola **Tel** 2180 2943
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo **Tel** 2155 3792
**Email** info@cateringcentre.com **Web** www.cateringcentre.com


Lehen is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz